(8) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun faċilità multilaterali tan-negozjar li titħaddem minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera n-negozju jew suq regolat u forsi s-suq regolat innifsu, awtorizzat skont id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***), u li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-MTF tad-DLT tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont il-qafas tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***), tar-Regolament UE Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFIR)[41], jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-UE oħra, għajr jekk din tkun ingħatat eżenzjoni waħda jew aktar mill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha, skont dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) .../.... 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[42]**;	(8) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun faċilità multilaterali tan-negozjar li titħaddem minn ditta tal-investiment***, emittent tal-kriptoassi,*** jew operatur tas-suq li jopera n-negozju jew suq regolat u forsi s-suq regolat innifsu, awtorizzat skont id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***), u li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-MTF tad-DLT tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont il-qafas tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***), tar-Regolament UE Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFIR)[41], jew ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-UE oħra, għajr jekk din tkun ingħatat eżenzjoni waħda jew aktar mill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha, skont dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) .../.... 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**[42]**;

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

[42] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

[42] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596

Or. en

Emenda 167
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun faċilità multilaterali tan-negozjar li titħaddem minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jopera n-negozju jew suq regolat u forsi s-suq regolat innifsu, awtorizzat skont id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***), u li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-MTF tad-DLT tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont il-qafas tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***), tar-Regolament UE Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFIR)[41], ***jew*** ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji ***tal-UE*** oħra, għajr jekk din tkun ingħatat eżenzjoni waħda jew	(8) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun faċilità multilaterali tan-negozjar li titħaddem minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li joperaw negozju ta' suq regolat u forsi s-suq regolat innifsu, awtorizzat skont id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***), u li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-MTF tad-DLT tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal faċilità multilaterali tan-negozjar skont il-qafas tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***), tar-Regolament UE Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFIR)[41], ***u*** ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji ***applikabbli*** oħra ***tal-Unjoni***, għajr jekk din tkun ingħatat eżenzjoni

aktar mill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha, skont dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) .../.... 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42];	waħda jew aktar mill-awtorità nazzjonali kompetenti tagħha, skont dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42];
[41] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).	[41] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).
42 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596	42 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596

Or. en

Emenda 168
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Jenħtieġ li l-entitajiet li mhumiex awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE jitħallew japplikaw għal permess speċifiku skont dan ir-Regolament biex iħaddmu MTF tad-DLT, billi jsegwu proċedura rapida.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proċedura rapida għall-parteċipanti l-ġodda mhux awtorizzati bħala MTF bħala ż-żmien tal-applikazzjoni

Emenda 169
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, bit-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati ***f'reġistru deċentralizzat***, jista' jħaffef u jqassar in-negozjar u s-saldu qrib għall-ħin reali u jista' jippermetti l-fużjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. Madankollu, ir-regoli attwali jipprevedu l-prestazzjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u saldu minn infrastrutturi tas-suq separati. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) jiġu rreġistrati ma' depożitorju ċentrali tat-titoli ("CSD"), filwaqt li reġistru distribwit jista' potenzjalment jintuża bħala ***verżjoni*** deċentralizzata ta' dan id-depożitorju. Għalhekk, ikun iġġustifikat li ***MTF*** tad-DLT titħalla ***twettaq*** xi attivitajiet li normalment jitwettqu ***minn CSD***. Għalhekk, waqt l-għoti tal-eżenzjoni(jiet) rilevanti, jenħtieġ li ***MTF tad-DLT*** titħalla tiżgura r-reġistrar inizjali ta' titoli trasferibbli tad-DLT, is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT.	(9) L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, bit-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati ***f'bażi ta' data diġitali deċentralizzata***, jista' jħaffef u jqassar in-negozjar u s-saldu qrib għall-ħin reali u jista' jippermetti l-fużjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. Madankollu, ir-regoli attwali jipprevedu l-prestazzjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u saldu minn infrastrutturi tas-suq separati. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, l-MiFiD ***II***) jiġu rreġistrati ma' depożitorju ċentrali tat-titoli ("CSD"), filwaqt li reġistru distribwit jista' potenzjalment jintuża bħala ***bażi ta' data*** deċentralizzata ta' dan id-depożitorju. Għalhekk, ikun iġġustifikat li ***l-infrastruttura tas-suq*** tad-DLT titħalla ***tikkombina*** xi attivitajiet li normalment jitwettqu ***kemm mill-MTFs kif ukoll mill-CSDs***. Għalhekk, waqt l-għoti tal-eżenzjoni(jiet) rilevanti ***u l-permess riżultanti***, jenħtieġ li ***infrastruttura tas-suq*** tad-DLT titħalla tiżgura r-reġistrar ***u n-negozjar*** inizjali ta' titoli trasferibbli tad-DLT, is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT u s-salvagwardja ***tat-teknoloġija tar-reġistru distribwit*** ta' titoli trasferibbli tad-DLT.

Or. en

Emenda 170
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, bit-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati f'reġistru ***deċentralizzat***, jista' jħaffef u jqassar in-negozjar u s-saldu qrib għall-ħin reali u jista' jippermetti l-fużjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. Madankollu, ir-regoli attwali jipprevedu l-prestazzjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u saldu minn infrastrutturi tas-suq separati. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) jiġu rreġistrati ma' depożitorju ċentrali tat-titoli ("CSD"), filwaqt li reġistru distribwit jista' potenzjalment jintuża bħala verżjoni deċentralizzata ta' dan id-depożitorju. Għalhekk, ikun iġġustifikat li MTF tad-DLT titħalla twettaq xi attivitajiet li normalment jitwettqu minn CSD. Għalhekk, waqt l-għoti tal-eżenzjoni(jiet) rilevanti, jenħtieġ li MTF tad-DLT titħalla tiżgura r-reġistrar inizjali ta' titoli trasferibbli tad-DLT, is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT.	(9) L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, bit-tranżazzjonijiet kollha rreġistrati f'reġistru ***distribwit***, jista' jħaffef u jqassar in-negozjar u s-saldu qrib għall-ħin reali u jista' jippermetti l-fużjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u ta' wara n-negozjar. Madankollu, ir-regoli attwali jipprevedu l-prestazzjoni ta' attivitajiet ta' negozjar u saldu minn infrastrutturi tas-suq separati. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) jiġu rreġistrati ma' depożitorju ċentrali tat-titoli ("CSD"), filwaqt li reġistru distribwit jista' potenzjalment jintuża bħala verżjoni deċentralizzata ta' dan id-depożitorju. Għalhekk, ikun iġġustifikat li MTF tad-DLT titħalla twettaq xi attivitajiet li normalment jitwettqu minn CSD. Għalhekk, waqt l-għoti tal-eżenzjoni(jiet) rilevanti, jenħtieġ li MTF tad-DLT titħalla tiżgura r-reġistrar inizjali ta' titoli trasferibbli tad-DLT, is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT u s-salvagwardja ta' titoli trasferibbli tad-DLT.

Or. en

Emenda 171
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr ***meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar*** lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr ***għar-rekwiżiti li minnhom ingħatat eżenzjoni mill-ESMA*** lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Sabiex tkun permessa l-kompetizzjoni, filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwi u standards għoljin f'termini ta' protezzjoni tal-investitur, integrità tas-suq u stabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li l-parteċipanti l-ġodda jkunu jistgħu jaċċessaw ir-reġim pilota, sakemm jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għal CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, b'mod proporzjonat man-natura, l-iskala u r-riskji tan-negozju tagħhom, u ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, ħlief għall-eżenzjonijiet mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat, filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-kompetizzjoni ġusta, jenħtieġ li l-parteċipanti l-ġodda jagħmlu arranġamenti mas-CSD awtorizzat, li għandhom joffru li jikkonkludu tali arranġamenti b'mod mhux diskriminatorju bi ħlas ta' tariffa kummerċjali raġonevoli bbażata fuq l-ispejjeż reali.***

Or. en

Emenda 172
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli)**,** għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) ***u kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji*** għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 173
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ***s-CSD*** li ***jħaddimha***, jkunu soġġetti għar-	(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun ***entità, inkluż iżda mhux limitata għal*** sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u ***l-***

rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar ***lis-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

entità li ***tħaddimha***, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar ***l-entità*** li ***tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 174
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Il-parteċipanti l-ġodda fis-suq jew entitajiet regolati, bħal ditti ta' investiment jew istituzzjonijiet ta' kreditu, li jkunu jixtiequ jħaddmu SSS tad-DLT fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitħallew isegwu proċedura ta' applikazzjoni f'pass wieħed billi japplikaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti***

tagħhom biex tiġi awtorizzata skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR) u fl-istess ħin jiddikjaraw kwalunkwe eżenzjoni li jixtiequ jingħataw, f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq. Barra minn hekk, huwa tal-akbar importanza li tiġi prevista proċedura ta' awtorizzazzjoni f'pass wieħed għal parteċipanti ġodda li jkunu jixtiequ jipparteċipaw fir-reġim pilota billi jħaddmu SSS tad-DLT. L-għan huwa li tiġi evitata proċedura ta' awtorizzazzjoni doppja li tieħu ħafna riżorsi u ħin li tkun tirrappreżenta piż importanti għal parteċipant ġdid fis-suq.

Emenda 175
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(10) Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) li jkun irċieva permess speċifiku skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, u s-CSD li jħaddimha, jkunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), għajr meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun tat eżenzjoni waħda jew aktar lis-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Eżenzjoni bħal din tista' tingħata biss dment li s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT topera b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-enerġija.***

Or. en

Emenda 176
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Jenħtieġ li l-entitajiet li mhumiex awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jitħallew japplikaw għal permess speċifiku skont dan ir-Regolament biex iħaddma sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, billi jsegwu proċedura rapida.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proċedura rapida għall-parteċipanti l-ġodda mhux awtorizzati bħala CSD bħala l-ħin tal-applikazzjoni.

Emenda 177
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit tagħhom. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.	(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit tagħhom. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit. ***Jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika t-titoli trasferibbli tad-DLT eliġibbli biex jiġu***

nnegozjati jew irreġistrati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li d-definizzjoni ta' "titoli trasferibbli tad-DLT" tirreferi għall-Artikolu 4(1)(44)(a) u (b) tal-MiFID II, li tinkludi aktar minn dak li huwa previst fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 178
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT ***fir-reġistru*** distribwit ***tagħhom***. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.	(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT ***f'reġistru*** distribwit. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.

Or. en

Emenda 179
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT	(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT

fir-reġistru distribwit tagħhom. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.

fir-reġistru distribwit tagħhom. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 180
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit tagħhom. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit.	(11) Jenħtieġ li MTF tad-DLT jew CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw biss titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit tagħhom. Jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT ikunu kriptoassi li jikkwalifikaw bħala "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) u li jinħarġu, jiġu trasferiti u jinħażnu f'reġistru distribwit. ***L-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jenħtieġ li jassumu r-responsabbiltà għar-riskji relatati mal-funzjonament tad-DLT li jħaddmu, b'mod partikolari r-riskji ta' trasparenza tar-reġistru, ir-riskji ċibernetiċi u r-riskji operattivi.***

Or. en

Emenda 181

Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli, ammessi għan-negozjar ***fuq MTF tad-DLT*** jew irreġistrati ***f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT***, ikunu limitati għal titoli, bħal ishma ***u*** bonds ***li mhumiex likwidi***. Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem ***jew*** bond huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi xi limiti ta' valur. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, jew ammessi għan-negozjar minn MTF tad-DLT, ikun limitat. ***Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinżammu milli jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw fir-reġistru distribwit il-bonds sovrani.*** Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti.	(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli, ammessi għan-negozjar jew irreġistrati ***f'infrastruttura tas-suq*** ikunu limitati għal titoli, bħal ishma***,*** bonds***, inklużi bonds sovrani, u fondi negozjati fil-borża (ETFs) sal-valur tal-livelli limitu stabbiliti f'dan ir-Regolament***. Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem***,*** bond***, ETF, UCIT jew AIF*** huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi xi limiti ta' valur. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, jew ammessi għan-negozjar minn MTF tad-DLT, ikun limitat. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament ***matul il-perjodu kollu tal-parteċipazzjoni permessa tagħhom fir-reġim pilota***, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti ***fuq bażi regolari, kif previst f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jiġi estiż l-kamp ta' applikazzjoni tat-titoli trasferibbli ammissibbli sabiex jinkludi l-ETFs li jinvestu f'titoli trasferibbli tad-DLT u/jew jiġu nnegozjati, saldati u maħżuna billi tintuża d-DLT sabiex jiġi permess perimetru ta' esperimentazzjoni usa', li jirrispetta l-limiti stabbiliti hawnhekk. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, għandu jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jeħtiġilhom jirrispettaw il-limiti msemmija fuq bażi

permanenti, sakemm jaħdmu taħt il-permess previst hawnhekk.

Emenda 182
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli, ammessi għan-negozjar fuq MTF tad-DLT jew irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, ikunu limitati għal titoli, bħal ishma u bonds ***li mhumiex likwidi***. Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem jew bond huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi xi limiti ta' valur. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ammessi għan-negozjar minn MTF tad-DLT, ikun limitat. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinżammu milli jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw fir-reġistru distribwit il-bonds sovrani. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti.	(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli, ammessi għan-negozjar fuq MTF tad-DLT jew irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, ikunu limitati għal titoli, bħal ishma u bonds ***soġġetti għal-limiti tal-valur stabbiliti f'dan ir-Regolament***. Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem jew bond huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi xi limiti ta' valur. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ammessi għan-negozjar minn MTF tad-DLT, ikun limitat. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinżammu milli jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw fir-reġistru distribwit il-bonds sovrani. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti.

Or. en

Emenda 183
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli, ammessi għan-negozjar fuq MTF tad-DLT jew irreġistrati ***f'CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, ikunu limitati għal titoli, bħal ishma u bonds li mhumiex likwidi. Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem jew bond huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi xi limiti ta' valur. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ammessi għan-negozjar minn MTF tad-DLT, ikun limitat. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinżammu milli jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw fir-reġistru distribwit il-bonds sovrani. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti.	(12) Sabiex l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni f'ambjent regolatorju sod ikunu possibbli filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li t-tip ta' titoli trasferibbli, ammessi għan-negozjar fuq MTF tad-DLT jew irreġistrati minn ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, ikunu limitati għal titoli, bħal ishma u bonds li mhumiex likwidi. Sabiex jiġi ddeterminat jekk sehem jew bond huwiex likwidu jew le, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi xi limiti ta' valur. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ ukoll li l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrati minn ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ammessi għan-negozjar minn MTF tad-DLT, ikun limitat. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinżammu milli jammettu għan-negozjar jew jirreġistraw fir-reġistru distribwit il-bonds sovrani. Sabiex jiġi vverifikat li t-titoli trasferibbli tad-DLT, innegozjati f'infrastruttura tas-suq tad-DLT jew irreġistrati minnha, jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew jitolbu li dawn l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jippreżentaw rapporti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 184

Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tradizzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) u ***livell għoli*** ta' integrità tas-suq, jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT, ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT, ikunu dejjem soġġetti għad-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-abbuż tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).	(13) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tradizzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) u ***biex jiġu żgurati livelli għoljin*** ta' integrità tas-suq***, protezzjoni tal-investituri u stabbiltà finanzjarja***, jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT, ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT, ikunu dejjem soġġetti għad-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-abbuż tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).

Or. en

Emenda 185
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tradizzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***il-MiFID II***) u ***livell għoli*** ta' integrità tas-suq, jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT, ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT, ikunu dejjem soġġetti għad-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-abbuż tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).	(13) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tradizzjonali skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, ***l-MiFiD II***) u ***biex jiġu żgurati livelli għoljin*** ta' integrità tas-suq***, protezzjoni tal-investituri u stabbiltà finanzjarja***, jenħtieġ li t-titoli trasferibbli tad-DLT, ammessi għan-negozjar f'MTF tad-DLT, ikunu dejjem soġġetti għad-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-abbuż tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq).

Or. en

Emenda 186
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti skont dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.	(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat f'dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti ***wara li l-ESMA tkun ħarġet ir-rakkomandazzjoni tagħha***, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li MTF tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens jew kwalunkwe miżura korrettiva imposta mill-awtorità kompetenti ***jew rakkomandata mill-ESMA*** sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jkun hemm konverġenza, konsistenza u proporzjonalità ta' natura superviżorja fl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan ir-Regolament minn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni differenti madwar l-Unjoni, li jistgħu ma jaqsmux l-istess livell ta' għarfien prattiku fit-teknoloġija, u b'hekk jitrawmu l-istess kundizzjonijiet u jiġi skoraġġit l-arbitraġġ regolatorju, qed jiġi ssuġġerit rwol imsaħħaħ għall-ESMA. F'konformità mal-Azzjoni 16 tal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid tas-CMU tal-Kummissjoni.

Emenda 187
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti skont dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li ***l-MTF*** tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.	(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat f'dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti ***wara li l-ESMA tkun ħarġet ir-rakkomandazzjoni tagħha***, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li ***MTF*** tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew kwalunkwe miżura korrettiva*** imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Emenda 188
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti skont dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-	(14) Jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat f'dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti ***wara li l-ESMA tkun ħarġet opinjoni mhux vinkolanti***, jekk din tikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti

dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Emenda 189
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Meta strument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar f'MTF, dan għandu jiġi rreġistrat ma' Depożitorju Ċentrali tat-Titoli awtorizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorju Ċentrali tat-Titoli***). Filwaqt li r-reġistrar ta' titolu trasferibbli u s-saldu ta' tranżazzjonijiet relatati jistgħu potenzjalment iseħħu f'reġistru distribwit, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jimponi intermedjazzjoni minn CSD u jobbliga li r-reġistrar jiġi rreplikat fir-reġistru distribwit fil-livell tas-CSD, u dan potenzjalment jimponi sovrappożizzjoni funzjonalment superfluwa għaċ-ċiklu tal-ħajja kummerċjali ta' strument finanzjarju ġestit minn infrastrutturi tas-suq tad-DLT soġġetti għal dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżit tal-entrati fil-kotba u mir-reġistrar ma' CSD stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għal CSD. Jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli ***fir-reġistru*** distribwit ***tagħha***, tiżgura l-integrità tal-ħruġ fir-reġistru distribwit, tistabbilixxi u żżomm proċeduri biex tiżgura s-salvagwardja tat-titoli trasferibbli tad-DLT, tlesti s-saldu tat-tranżazzjonijiet,	(15) Meta strument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar f'MTF, dan għandu jiġi rreġistrat ma' Depożitorju Ċentrali tat-Titoli ***(CSD)*** awtorizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***). Filwaqt li r-reġistrar ta' titolu trasferibbli u s-saldu ta' tranżazzjonijiet relatati jistgħu potenzjalment iseħħu f'reġistru distribwit, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jimponi intermedjazzjoni minn CSD u jobbliga li r-reġistrar jiġi rreplikat fir-reġistru distribwit fil-livell tas-CSD, u dan potenzjalment jimponi sovrappożizzjoni funzjonalment superfluwa għaċ-ċiklu tal-ħajja kummerċjali ta' strument finanzjarju ġestit minn infrastrutturi tas-suq tad-DLT soġġetti għal dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżit tal-entrati fil-kotba u mir-reġistrar ma' CSD stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għal CSD. Jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli ***f'reġistru*** distribwit, tiżgura l-integrità tal-ħruġ fir-reġistru distribwit, tistabbilixxi u żżomm proċeduri biex tiżgura s-salvagwardja tat-titoli trasferibbli tad-DLT, tlesti s-saldu tat-tranżazzjonijiet, u tipprevjeni l-fallimenti tas-saldu.

u tipprevjeni l-fallimenti tas-saldu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li tintuża blockchain pubblika, awtorizzata jew ta' konsorzji, li diġà ntużat fi proġetti Ewropej tad-DLT, tippermetti lir-reġim pilota jittestja u jiżviluppa mudelli/rwoli ġodda u jkun validu għall-futur. Għal kull tip ta' DLT magħżula (pubblika, ta' konsorzji jew privata), matul il-proċess ta' awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-ESMA, l-MTF tad-DLT jew l-SSS tad-DLT ikollhom jiddokumentaw u jiżguraw il-protezzjoni tal-investitur, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja.

Emenda 190
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Meta strument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar f'MTF, dan għandu jiġi rreġistrat ma' Depożitorju Ċentrali tat-Titoli awtorizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorju Ċentrali tat-Titoli). Filwaqt li r-reġistrar ta' titolu trasferibbli u s-saldu ta' tranżazzjonijiet relatati jistgħu potenzjalment iseħħu f'reġistru distribwit, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jimponi intermedjazzjoni minn CSD u jobbliga li r-reġistrar jiġi rreplikat fir-reġistru distribwit fil-livell tas-CSD, u dan potenzjalment jimponi sovrappożizzjoni funzjonalment superfluwa għaċ-ċiklu tal-ħajja kummerċjali ta' strument finanzjarju ġestit minn infrastrutturi tas-suq tad-DLT soġġetti għal dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżit tal-entrati fil-kotba u mir-reġistrar ma' CSD stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għal CSD. Jenħtieġ li l-	(15) Meta strument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar f'MTF, dan għandu jiġi rreġistrat ma' Depożitorju Ċentrali tat-Titoli awtorizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorju Ċentrali tat-Titoli). Filwaqt li r-reġistrar ta' titolu trasferibbli u s-saldu ta' tranżazzjonijiet relatati jistgħu potenzjalment iseħħu f'reġistru distribwit, ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jimponi intermedjazzjoni minn CSD u jobbliga li r-reġistrar jiġi rreplikat fir-reġistru distribwit fil-livell tas-CSD, u dan potenzjalment jimponi sovrappożizzjoni funzjonalment superfluwa għaċ-ċiklu tal-ħajja kummerċjali ta' strument finanzjarju ġestit minn infrastrutturi tas-suq tad-DLT soġġetti għal dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li MTF tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżit tal-entrati fil-kotba u mir-reġistrar ma' CSD stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 909/2014, meta l-MTF tad-DLT tikkonforma ma' rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli għal CSD. Jenħtieġ li l-

MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli ***fir-reġistru*** distribwit ***tagħha***, tiżgura l-integrità tal-ħruġ fir-reġistru distribwit, tistabbilixxi u żżomm proċeduri biex tiżgura s-salvagwardja tat-titoli trasferibbli tad-DLT, tlesti s-saldu tat-tranżazzjonijiet, u tipprevjeni l-fallimenti tas-saldu.	MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli ***f'reġistru*** distribwit, tiżgura l-integrità tal-ħruġ fir-reġistru distribwit, tistabbilixxi u żżomm proċeduri biex tiżgura s-salvagwardja tat-titoli trasferibbli tad-DLT, tlesti s-saldu tat-tranżazzjonijiet, u tipprevjeni l-fallimenti tas-saldu.
	Or. en

Emenda 191
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Meta twettaq is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tiżgura li l-ħlas għal titoli trasferibbli tad-DLT mix-xerrej iseħħ fl-istess ħin li t-titoli trasferibbli tad-DLT jiġu kkonsenjati mill-bejjiegħ (kunsenja kontra ħlas). Meta jkun prattikabbli u disponibbli, jenħtieġ li ***l-ħlasijiet fi flus kontanti jitħallsu*** permezz ta' flus tal-bank ċentrali u, meta ma jkunx prattikabbli jew disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali. Sabiex jiġu ttestjati soluzzjonijiet innovattivi u biex ***il-ħlasijiet fi flus kontanti jkunu jistgħu jsiru*** f'reġistru distribwit, jenħtieġ ukoll li l-MTFs tad-DLT jitħallew jużaw l-hekk imsejħa muniti tas-saldu, jiġifieri flus tal-banek kummerċjali f'forma tokenizzata, jew tokens tal-flus elettroniċi kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[43]. Meta tuża l-flus tal-banek kummerċjali ***għall-ħlasijiet fi flus kontanti***, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tillimita r-riskju tal-kontroparti billi tistabbilixxi u tissorvelja l-aderenza għal kriterji stretti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu użati għas-saldu ta' ħlasijiet fi flus kontanti, bħar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tagħhom, l-affidabbiltà kreditizja, il-	(16) Meta twettaq is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tiżgura li l-ħlas għal titoli trasferibbli tad-DLT mix-xerrej iseħħ fl-istess ħin li t-titoli trasferibbli tad-DLT jiġu kkonsenjati mill-bejjiegħ (kunsenja kontra ħlas***, DvP***). Meta jkun prattikabbli u disponibbli, jenħtieġ li ***l-komponent ta' pagament jitħallas*** permezz ta' flus tal-bank ċentrali jew, meta ma jkunx prattikabbli jew disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali. Sabiex jiġu ttestjati soluzzjonijiet innovattivi u biex ***il-komponent ta' pagament jkun jista' jsir*** f'reġistru distribwit, jenħtieġ ukoll li l-MTFs tad-DLT jitħallew jużaw l-hekk imsejħa muniti tas-saldu, jiġifieri flus tal-banek kummerċjali f'forma tokenizzata, jew tokens tal-flus elettroniċi ***(EMTs)*** kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi. Meta tuża l-flus tal-banek kummerċjali ***għall-komponent ta' pagament***, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT tillimita r-riskju tal-kontroparti billi tistabbilixxi u tissorvelja l-aderenza għal kriterji stretti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu użati għas-saldu ta' ħlasijiet fi flus kontanti, bħar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni

kapitalizzazzjoni, l-aċċess għal-likwidità u l-affidabilità operazzjonali.	tagħhom, l-affidabbiltà kreditizja, il-kapitalizzazzjoni, l-aċċess għal-likwidità u l-affidabilità operazzjonali. ***Meta jintużaw l-EMTs għall-komponent ta' pagament, jenħtieġ li l-parteċipanti f'MTF tad-DLT ikunu jistgħu jiftħu kontijiet direttament mal-MTF tad-DLT għall-finijiet tas-saldu tal-komponent ta' pagament fl-EMTs, jew inkella, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT u l-parteċipanti tagħha jkunu jistgħu jiftħu kont ma' parti terza li tipprovdi servizzi relatati mal-EMTs. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT jew il-parti terza tkun l-emittent tal-EMTs u jenħtieġ li tiżgura li s-saldu tal-komponent ta' pagament isir fl-EMTs. Peress li l-EMTs jistgħu jinħarġu biss jew minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi skont ir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq tal-Kriptoassi, l-eżenzjoni pprovduta f'dan ir-Regolament fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar is-saldu tal-pagamenti tas-CSDR mhijiex intiża li teżenta l-MTF tad-DLT, jew parti terza li toħroġ l-EMTs u li tħallas il-komponent ta' pagament tat-tranżazzjonijiet tat-titoli permezz tal-kontijiet tagħha stess, mir-rekwiżiti tal-liċenzjar skont ir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq tal-Kriptoassi.***
[43] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fil-kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 – COM(2020)593	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiġi inkorporat il-punt 3.3.7 tal-Opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT tat-28 ta' April fir-rigward tas-saldu fl-EMTs.

Emenda 192

Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Biex tingħata eżenzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT turi li l-eżenzjoni hija proporzjonata u limitata għall-użu tad-DLT kif deskritt fil-pjan tan-negozju tagħha u li l-eżenzjoni mitluba hija limitata għall-MTF tad-DLT u mhux estiża għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-istess ditta tal-investiment jew operatur tas-suq.	(18) Biex tingħata eżenzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT turi li l-eżenzjoni ***mitluba*** hija proporzjonata u limitata għall-użu tad-DLT kif deskritt fil-pjan tan-negozju tagħha u li l-eżenzjoni mitluba hija limitata għall-MTF tad-DLT u mhux estiża għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-istess ditta tal-investiment jew operatur tas-suq. ***Barra minn hekk, jekk l-operatur tal-MTF tad-DLT iħaddem kwalunkwe MTF oħra, jenħtieġ li jintwera li l-operazzjonijiet tal-MTF tad-DLT mhux se jaffettwaw, fl-ebda ċirkostanza, l-operazzjonijiet u r-robustezza ta' kwalunkwe MTF oħra, pereżempju, meta entità waħda jew aktar jipparteċipaw kemm f'MTF regolari kif ukoll f'MTF tad-DLT imħaddma mill-istess operatur. F'dawk iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li l-operatur tal-MTF tad-DLT jispjega b'mod ċar ir-riskji ta' insolvenza u finalità ta' saldu li għalihom huma esposti l-parteċipanti tiegħu, kif ukoll kwalunkwe miżura li jkun implimenta sabiex jimmitiga dawn ir-riskji.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali. Barra minn hekk, huwa suġġerit li jiġi inkorporat t-tieni kumment tal-punt 3.4 tal-"Opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT" tat-28 ta' April sabiex tiġi prevista "delimitazzjoni" ta' MTFs tad-DLT f'każ li l-operatur tagħhom iħaddem ukoll MTF(s) oħra.

Emenda 193
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Biex tingħata eżenzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT turi li l-eżenzjoni hija proporzjonata u limitata għall-użu tad-DLT kif deskritt fil-pjan tan-negozju tagħha u li l-eżenzjoni mitluba hija limitata għall-MTF tad-DLT u mhux estiża għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-istess ditta tal-investiment jew operatur tas-suq.	(18) Biex tingħata eżenzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-MTF tad-DLT turi li l-eżenzjoni hija proporzjonata u limitata għall-użu tad-DLT kif deskritt fil-pjan tan-negozju tagħha u li l-eżenzjoni mitluba hija limitata għall-MTF tad-DLT u***, meta l-entità li tħaddem l-MTF tad-DLT tkun ditta tal-investiment jew operatur tas-suq,*** mhux estiża għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-istess ditta tal-investiment jew operatur tas-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 194
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti rilevanti, jekk dan ***ikun ikkonforma*** mal-kundizzjonijiet ta' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ li s-CSD li jħaddem ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.	(19) Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti rilevanti ***wara r-rakkomandazzjoni maħruġa mill-ESMA***, jekk dan ***jikkonforma*** mal-kundizzjonijiet ***mehmuża*** ta' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali ***stabbiliti skont dan ir-Regolament*** biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li ***l-SSS*** tad-DLT tikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens jew kwalunkwe miżura korrettiva imposta mill-awtorità kompetenti***, jew rakkomandata mill-ESMA,*** sabiex

	jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Emenda 195
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti rilevanti, jekk dan ikun ikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ li ***s-CSD*** li ***jħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.	(19) Jenħtieġ li ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni waħda jew aktar fuq bażi temporanja, kif elenkat skont dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw mill-awtorità kompetenti rilevanti, jekk dan ikun ikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' dawn l-eżenzjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti addizzjonali biex jiġu indirizzati forom ġodda ta' riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT. Jenħtieġ li ***l-entità*** li ***tħaddem*** is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jikkonforma ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens imposta mill-awtorità kompetenti sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjoni li għaliha tkun intalbet eżenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 196
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** jitħalla jitlob eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet differenti li x'aktarx joħolqu ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' sistemi ta' saldu tat-titoli għal titoli trasferibbli. Pereżempju, jenħtieġ li CSD ikun kapaċi jitlob eżenzjoni minn xi definizzjonijiet tar-Regolament (UE) 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), bħall-kunċett ta' "forma dematerjalizzata", kont ta' titoli", "ordnijiet ta' trasferiment" kif ukoll eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli", bħar-regoli dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-integrità tal-ħruġ jew is-segregazzjoni tal-kontijiet. Is-CSDs iħaddmu ***sistema ta' saldu tat-titoli*** billi jikkreditaw u jiddebitaw il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tagħhom. Madankollu, kontijiet tat-titoli biż-żamma tal-kotba b'kontroentrati (jew b'entrati multipli) mhux dejjem jistgħu jeżistu f'sistema tad-DLT. Għalhekk, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni mir-regoli li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli" jew ta' "forma dematerjalizzata" jekk ikun meħtieġ li jitħalla r-reġistrar ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'reġistru distribwit, ***biex tiġi żgurata*** l-integrità tal-ħruġ tat-titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit u s-segregazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT li jappartjenu għal diversi parteċipanti.	(20) Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** jitħalla jitlob eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet differenti li x'aktarx joħolqu ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' sistemi ta' saldu tat-titoli għal titoli trasferibbli. Pereżempju, jenħtieġ li CSD ikun kapaċi jitlob eżenzjoni minn xi definizzjonijiet tar-Regolament (UE) 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), bħall-kunċett ta' "forma dematerjalizzata", kont ta' titoli", "ordnijiet ta' trasferiment" kif ukoll eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli", bħar-regoli dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-integrità tal-ħruġ jew is-segregazzjoni tal-kontijiet. Is-CSDs iħaddmu ***SSS*** billi jikkreditaw u jiddebitaw il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tagħhom. Madankollu, kontijiet tat-titoli biż-żamma tal-kotba b'kontroentrati (jew b'entrati multipli) mhux dejjem jistgħu jeżistu f'sistema tad-DLT. Għalhekk, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni mir-regoli li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli" jew ta' "forma dematerjalizzata" jekk ikun meħtieġ li jitħalla r-reġistrar ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'reġistru distribwit***. Madankollu , kwalunkwe CSD li jħaddem SSS tad-DLT xorta jkollu jiżgura*** l-integrità tal-ħruġ tat-titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit u s-segregazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT li jappartjenu għal diversi parteċipanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Irid jiġi żgurat li s-CSDs li jħaddmu SSSs tad-DLT ikollhom il-mandat li jiżguraw l-integrità tal-ħruġ trasferibbli ta' titoli tad-DLT bi kwalunkwe mezz ieħor jekk ma jużawx kontijiet ta' sigurtà, kif inhu meħtieġ rispettivament għall-MTFs.

Emenda 197

Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli jitħalla jitlob eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet ***differenti*** li x'aktarx joħolqu ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' sistemi ta' saldu tat-titoli għal titoli trasferibbli. Pereżempju, jenħtieġ li CSD ikun kapaċi jitlob eżenzjoni minn xi definizzjonijiet tar-Regolament (UE) 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), bħall-kunċett ta' "forma dematerjalizzata", kont ta' titoli", "ordnijiet ta' trasferiment" kif ukoll eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli", bħar-regoli dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-integrità tal-ħruġ jew is-segregazzjoni tal-kontijiet. Is-CSDs iħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli billi jikkreditaw u jiddebitaw il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tagħhom. Madankollu, kontijiet tat-titoli biż-żamma tal-kotba b'kontroentrati (jew b'entrati multipli) mhux dejjem jistgħu jeżistu f'sistema tad-DLT. Għalhekk, jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni mir-regoli li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli" jew ta' "forma dematerjalizzata" jekk ikun meħtieġ li jitħalla r-reġistrar ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'reġistru distribwit, biex tiġi żgurata l-integrità tal-ħruġ tat-titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit u s-segregazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT li jappartjenu għal diversi parteċipanti.	(20) Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli jitħalla jitlob eżenzjonijiet minn ***ċerti*** dispożizzjonijiet li x'aktarx joħolqu ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' sistemi ta' saldu tat-titoli għal titoli trasferibbli. Pereżempju, jenħtieġ li CSD ikun kapaċi jitlob eżenzjoni minn xi definizzjonijiet tar-Regolament (UE) 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), bħall-kunċett ta' "forma dematerjalizzata", kont ta' titoli", "ordnijiet ta' trasferiment" kif ukoll eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli", bħar-regoli dwar ir-reġistrar tat-titoli, l-integrità tal-ħruġ jew is-segregazzjoni tal-kontijiet. Is-CSDs iħaddmu sistema ta' saldu tat-titoli billi jikkreditaw u jiddebitaw il-kontijiet tat-titoli tal-parteċipanti tagħhom. Madankollu, kontijiet tat-titoli biż-żamma tal-kotba b'kontroentrati (jew b'entrati multipli) mhux dejjem jistgħu jeżistu f'sistema tad-DLT. Għalhekk, jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ikun kapaċi jitlob eżenzjoni mir-regoli li jirreferu għall-kunċett ta' "kont ta' titoli" jew ta' "forma dematerjalizzata" jekk ikun meħtieġ li jitħalla r-reġistrar ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'reġistru distribwit, biex tiġi żgurata l-integrità tal-ħruġ tat-titoli trasferibbli tad-DLT fir-reġistru distribwit u s-segregazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT li jappartjenu għal diversi parteċipanti.

Or. en

Emenda 198
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li ***jħaddem ir-reġistru*** distribwit tiegħu li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li ***s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT*** tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.	(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li ***jħaddmu r-reġistru*** distribwit tiegħu li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li ***s-CSD li jħaddem l-SSS*** tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.

Or. en

Emenda 199
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-	(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-

Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li jħaddem ir-reġistru distribwit ***tiegħu*** li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.	Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li jħaddem ir-reġistru distribwit li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda u n-newtralità teknoloġika fir-rigward tad-DLTs proprjetarji u pubbliċi.

Emenda 200
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet	(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli), CSD jista' biss jesternalizza waħda mill-attivitajiet

ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li ***jħaddem ir-reġistru*** distribwit ***tiegħu*** li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.	ewlenin tiegħu wara li jirċievi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Is-CSD huwa meħtieġ ukoll li jirrispetta diversi kundizzjonijiet, sabiex l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax f'delega tar-responsabbiltà tiegħu jew f'modifika tal-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tiegħu. Skont il-pjan tan-negozju tiegħu, CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jkun lest li jaqsam ir-responsabbiltà li ***jħaddem ir-reġistru*** distribwit li fih jiġu rreġistrati t-titoli trasferibbli ma' entitajiet oħra, inkluż mal-parteċipanti tiegħu. Jenħtieġ li s-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni biex jiġu żviluppati dawn il-mudelli ta' negozju innovattivi. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn juru li d-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni huma inkompatibbli mal-użu tad-DLT kif previst fil-pjan tan-negozju tagħhom u jenħtieġ ukoll li juru li ntlaħqu xi rekwiżiti minimi dwar l-esternalizzazzjoni.
	Or. en

Emenda 201
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-obbligu ta' intermedjazzjoni permezz ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investiment sabiex l-investituri fil-livell tal-konsumatur ma jkunux jistgħu jiksbu aċċess dirett għas-sistemi ta' saldu u ta' kunsenja mħaddma minn CSD jista' potenzjalment joħloq ostaklu regolatorju għall-iżvilupp ta' mudelli alternattivi ta' saldu bbażati fuq DLT li jippermettu aċċess dirett minn klijenti mhux professjonali. Għalhekk, jenħtieġ li s-CSD	(22) L-obbligu ta' intermedjazzjoni permezz ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investiment sabiex l-investituri fil-livell tal-konsumatur ma jkunux jistgħu jiksbu aċċess dirett għas-sistemi ta' saldu u ta' kunsenja mħaddma minn CSD jista' potenzjalment joħloq ostaklu regolatorju għall-iżvilupp ta' mudelli alternattivi ta' saldu bbażati fuq DLT li jippermettu aċċess dirett minn klijenti mhux professjonali. Għalhekk, jenħtieġ li s-CSD

li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jitħalla jitlob eżenzjoni mill-kunċett ta' parteċipant, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***). Meta jfittex eżenzjoni mill-obbligu ta' intermedjazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***), jenħtieġ li s-CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** jiżgura li dawn il-persuni huma ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u kompetenti u idonei għall-fini tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ ukoll li s-CSD li jħaddem ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** jiżgura li dawn il-parteċipanti għandhom livell suffiċjenti ta' abbiltà, kompetenza, esperjenza u għarfien dwar il-fażi ta' wara n-negozjar u l-funzjonament tad-DLTs.

li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jitħalla jitlob eżenzjoni mill-kunċett ta' parteċipant, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***). Meta jfittex eżenzjoni mill-obbligu ta' intermedjazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***), jenħtieġ li s-CSD li jħaddem ***SSS*** jiżgura li dawn il-persuni huma ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u kompetenti u idonei għall-fini tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ ukoll li s-CSD li jħaddem ***l-SSS*** jiżgura li dawn il-parteċipanti għandhom livell suffiċjenti ta' abbiltà, kompetenza, esperjenza u għarfien dwar il-fażi ta' wara n-negozjar u l-funzjonament tad-DLTs.

Or. en

Emenda 202
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-entitajiet li huma eliġibbli biex jipparteċipaw f'CSD kopert mir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-depożitorji Ċentrali tat-Titoli***) huma bbażati fuq l-entitajiet li huma eliġibbli li jipparteċipaw ***f'sistema ta' saldu tat-titoli*** li hija nnominata u nnotifikata skont id-Direttiva 98/26/KE (id-Direttiva dwar Finalità tas-Saldu) minħabba li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***) jeħtieġ li s-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs jiġu nnominati u nnotifikati skont id-Direttiva 98/26/KE. ***Sistema ta' saldu tat-***	(23) L-entitajiet li huma eliġibbli biex jipparteċipaw f'CSD kopert mir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***) huma bbażati fuq l-entitajiet li huma eliġibbli li jipparteċipaw ***f'SSS*** li hija nnominata u nnotifikata skont id-Direttiva 98/26/KE (id-Direttiva dwar Finalità tas-Saldu***, DFS***) minħabba li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***) jeħtieġ li s-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs jiġu nnominati u nnotifikati skont id-Direttiva 98/26/KE. ***SSS*** tad-DLT li tapplika biex tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***)

titoli tad-DLT li tapplika biex tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***) ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tad-Direttiva 98/26/KE. Konsegwentement, din ***is-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ma tkunx tista' tiġi nnominata u nnotifikata skont din id-Direttiva. Madankollu, dan ma jipprekludix ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT li tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 98/26/KE milli tiġi nnominata u nnotifikata b'dan il-mod.

ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni tad-Direttiva 98/26/KE. Konsegwentement, din ***l-SSS*** tad-DLT ma tkunx tista' tiġi nnominata u nnotifikata skont din id-Direttiva. Madankollu, dan ma jipprekludix ***SSS*** tad-DLT li tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 98/26/KE milli tiġi nnominata u nnotifikata b'dan il-mod. ***Barra minn hekk, jekk SSS tad-DLT ma tkunx ekwivalenti għall-operazzjoni ta' "sistema" kif definita fid-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu, mhux l-inqas minħabba li l-persuni fiżiċi huma parteċipanti eliġibbli f'SSS tad-DLT, il-protezzjonijiet ta' insolvenza tagħha jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw għall-SSS tad-DLT stess. Barra minn hekk, jekk l-operatur tal-SSS tad-DLT iħaddem kwalunkwe CSD ieħor, jenħtieġ li jintwera li l-operazzjonijiet tal-SSS tad-DLT mhu se jaffettwaw, fl-ebda ċirkostanza, l-operazzjonijiet u r-robustezza ta' kwalunkwe CSD ieħor, pereżempju, fejn entità waħda jew aktar jipparteċipaw kemm f'SSS regolari kif ukoll f'SSS tad-DLT operata mill-istess CSD. F'dawk iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li s-CSD li jħaddem l-SSS tad-DLT jispjega b'mod ċar ir-riskji ta' insolvenza u finalità tas-saldu li għalihom huma esposti l-parteċipanti tiegħu, kif ukoll il-miżuri li ġew stabbiliti sabiex jiġu mmitigati dawn ir-riskji.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiġi inkorporat ċertu kuntest tal-punt 3.4 tal-"Opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT" tat-28 ta' April sabiex tiġi prevista "delimitazzjoni" ta' SSS tad-DLT f'każ li l-operatur tagħhom iħaddem ukoll CSD(s) oħra.

Emenda 203
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***) iħeġġeġ is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'bażi monetarja. Meta s-saldu ***ta' ħlasijiet fi flus kontanti*** f'bażi monetarja ma jkunx disponibbli u prattikabbli, dan is-saldu jista' jsir fi flus tal-bank kummerċjali. Din id-dispożizzjoni tista' tkun diffiċli biex tapplika għal CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, minħabba li CSD bħal dan ikollu jaffettwa l-movimenti fil-kontijiet tal-flus fl-istess ħin mal-kunsenja tat-titoli fuq ***id-DLT***. Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jitħalla jitlob eżenzjoni mir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) dwar is-saldu fi flus kontanti sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi, bħall-użu ta' muniti tas-saldu jew ta' "tokens tal-flus elettroniċi" kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi[45].	(24) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***) iħeġġeġ is-saldu ta' tranżazzjonijiet f'bażi monetarja. Meta s-saldu ***tal-komponent ta' pagament*** f'bażi monetarja ma jkunx disponibbli u prattikabbli, dan is-saldu jista' jsir fi flus tal-bank kummerċjali. Din id-dispożizzjoni tista' tkun diffiċli biex tapplika għal CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, minħabba li CSD bħal dan ikollu jaffettwa l-movimenti fil-kontijiet tal-flus fl-istess ħin mal-kunsenja tat-titoli fuq ***ir-reġistru distribwit***. Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jitħalla jitlob eżenzjoni mir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli) dwar is-saldu fi flus kontanti sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi, bħall-użu ta' muniti tas-saldu jew ta' "tokens tal-flus elettroniċi" ***(EMTs)*** kif iddefinit fir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq fil-Kriptoassi. ***Meta jużaw l-EMTs għall-komponent ta' pagament, il-parteċipanti f'SSS tad-DLT jenħtieġ li jkunu jistgħu jifthu l-kontijiet.***

[45] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fil-kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 – COM(2020)593

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Barra minn hekk, qed jiġi ssuġġerit li jiġi inkorporat il-punt 3.3.7 tal-opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT tat-28 ta' April fir-rigward tas-saldu fl-EMTs.

Emenda 204
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Il-persuni fiżiċi jistgħu jipparteċipaw direttament fl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u jekk il-komponent ta' pagament tat-tranżazzjonijiet ta' titoli trasferibbli tad-DLT kellu jseħħ fuq il-kotba ta' persuna li mhijiex istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata, ir-riżultat ikun li l-kontijiet tal-flus jinżammu minn persuni fiżiċi kif ukoll minn persuni ġuridiċi bħal intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, b'infrastrutturi tas-suq tad-DLT li ma jibbenefikawx mill-protezzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti fl-ambitu tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, DGSD) u mill-preferenza tad-depożitant fl-ambitu tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-"BRRD"). Id-DGSD u l-preferenza tad-depożitant fl-ambitu tal-BRRD japplikaw biss għal depożiti fil-forma ta' bilanċ ta' kreditu li jirriżulta minn fondi li jitħallew f'kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet bankarji normali u li istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tħallas lura. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jenħtieġ li jiddivulgaw b'mod espliċitu lill-parteċipanti tagħhom li mhumiex protetti fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-DGSD u l-BRRD.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-punt 3.3.9 tal-opinjoni tal-BĊE dwar id-DLT tat-28 ta' April, huwa tal-akbar importanza fl-ispirtu ta' dispożizzjonijiet mtejba dwar il-protezzjoni għall-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja, li l-obbligu ta' divulgazzjoni tal-każijiet kollha fejn il-garanziji ta' depożitu jistgħu ma jkunux japplikaw isir espliċitu mal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 205
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***) jeħtieġ li CSD jagħti aċċess għal CSD ieħor jew għal infrastrutturi tas-suq oħra. L-aċċess għal CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT jista' jkun ta' piż jew diffiċli biex jinkiseb, minħabba li l-interoperabbiltà tas-sistemi miruta mad-DLT għadha ma ġietx ittestjata. Jenħtieġ ukoll li ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni minn dawn ir-regoli, jekk din tista' turi li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli hija sproporzjonata għad-daqs ***tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT.	(25) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***) jeħtieġ li CSD jagħti aċċess għal CSD ieħor jew għal infrastrutturi tas-suq oħra. L-aċċess għal CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT jista' jkun ***teknikament aktar ta' sfida***, ta' piż jew diffiċli biex jinkiseb, minħabba li l-interoperabbiltà tas-sistemi miruta mad-DLT għadha ma ġietx ittestjata. Jenħtieġ ukoll li ***SSS*** tad-DLT tkun kapaċi titlob eżenzjoni minn dawn ir-regoli, jekk din tista' turi li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli hija sproporzjonata għad-daqs ***tal-SSS*** tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tiġi kkunsidrata l-istandardizzazzjoni potenzjali tad-definizzjonijiet tad-data jew tal-protokolli tal-messaġġi li huma meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal sistemi differenti u tiġi promossa l-interoperabbiltà.

Emenda 206
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Irrispettivament mir-regola li għaliha tintalab eżenzjoni, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT juri li l-eżenzjoni mitluba hija proporzjonata u ġġustifikata bl-użu tad-	(26) Irrispettivament mir-regola li għaliha tintalab eżenzjoni, jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT juri li l-eżenzjoni mitluba hija proporzjonata u ġġustifikata bl-użu tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li l-

DLT. Jenħtieġ ukoll li l-eżenzjoni tkun limitata ***għas-sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT u ma tkoprix ***sistemi ta' saldu tat-titoli*** oħra mħaddma mill-istess CSD.

eżenzjoni tkun limitata ***għall-SSS*** tad-DLT u ma tkoprix ***SSSs*** oħra mħaddma mill-istess CSD.

Or. en

Emenda 207
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali, meta mqabbla mal-infrastrutturi tas-suq tradizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT jew mill-mod il-ġdid li bih l-infrastruttura tas-suq tad-DLT twettaq l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li ***infrastruttura*** tas-suq tad-DLT ***tistabbilixxi*** pjan tan-negozju ċar li jagħti dettalji dwar kif se tintuża d-DLT u kif l-arranġamenti legali se jiġu stabbiliti.	(27) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ***u l-operaturi tagħhom*** ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali, meta mqabbla mal-infrastrutturi tas-suq tradizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji li jirriżultaw mill-użu tad-DLT jew mill-mod il-ġdid li bih l-infrastruttura tas-suq tad-DLT twettaq l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li ***infrastrutturi*** tas-suq tad-DLT ***u l-operatur tagħhom*** jistabbilixxu pjan tan-negozju ċar li jagħti dettalji dwar kif se tintuża d-DLT u kif l-arranġamenti legali se jiġu stabbiliti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Emenda 208
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-	(27) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-

suq tad-DLT ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali, meta mqabbla mal-infrastrutturi tas-suq tradizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji ***li jirriżultaw mill-użu*** tad-DLT jew mill-mod il-ġdid li bih l-infrastruttura tas-suq tad-DLT twettaq l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tistabbilixxi pjan tan-negozju ċar li jagħti dettalji dwar kif se tintuża d-DLT u kif l-arranġamenti legali se jiġu stabbiliti.

suq tad-DLT ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali, meta mqabbla mal-infrastrutturi tas-suq tradizzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji ***relatati mal-użu*** tad-DLT jew mill-mod il-ġdid li bih l-infrastruttura tas-suq tad-DLT twettaq l-attivitajiet tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tistabbilixxi pjan tan-negozju ċar li jagħti dettalji dwar kif se tintuża d-DLT u kif l-arranġamenti legali se jiġu stabbiliti.

Or. en

Emenda 209
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Jenħtieġ*** li ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jistabbilixxu r-regoli dwar il-funzjonament tad-DLT proprjetarja li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni dwar id-DLT, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.	(28) Jenħtieġ li ***meta jużaw DLT proprjetarja, jenħtieġ*** li ***entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jistabbilixxu r-regoli dwar il-funzjonament tad-DLT proprjetarja li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni dwar id-DLT, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju. ***Jenħtieġ li meta jużaw DLT pubblika, entità li tħaddem sistema ta' saldu ta' titoli tad-DLT, jew DLT MTF meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jiddeskrivu b'mod xieraq lill-awtorità kompetenti rilevanti l-funzjonament tad-DLT li jużaw, il-mod li bih jindirizzaw kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni***

tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda u n-newtralità teknoloġika fir-rigward tad-DLTs proprjetarji u pubbliċi.

Emenda 210
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jistabbilixxu ***r-regoli*** dwar il-funzjonament ***tad-DLT proprjetarja*** li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni dwar ***id-DLT***, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.	(28) Jenħtieġ li CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jistabbilixxu ***jew jiddokumentaw ir-regoli*** dwar il-funzjonament ***tar-reġistru distribwit proprjetarju*** li dawn iħaddmu, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni dwar ***ir-reġistru distribwit***, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika għandu jiġi rispettat sabiex jitħalla spazju għal diversi mudelli tad-DLT li għandhom jiġu ttestjati. Governanza xierqa ta' kwalunkwe infrastruttura tas-suq hija importanti biex tiġi żgurata s-sikurezza u l-effiċjenza tagħha. Il-ħtieġa li jiġu żgurati r-responsabbiltajiet fir-rigward tal-immaniġġjar tad-data hija ċara u li qafas ta' reżiljenza ċibernetika jista' jiġi adottat b'mod li jiżgura impenn sħiħ minn kulħadd. Ir-responsabbiltà għall-funzjonament tad-DLT użata għandha tibqa' f'idejn l-infrastruttura tas-suq tad-DLT irrispettivament mit-tip tad-DLT.

Emenda 211
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jistabbilixxu ***r-regoli*** dwar il-funzjonament tad-DLT ***proprjetarja*** li dawn ***iħaddmu***, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni dwar id-DLT, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.	(28) Jenħtieġ li CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew MTF tad-DLT, meta dawn ikollhom il-permess li jirregolaw it-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT huma stess, jistabbilixxu ***jew jiddokumentaw, kif xieraq,*** ir-regoli dwar il-funzjonament tad-DLT li dawn ***jużaw***, inklużi r-regoli għall-aċċess u l-ammissjoni dwar id-DLT, ir-regoli għan-nodi parteċipanti u r-regoli biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, kif ukoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 212
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun meħtieġa li tinforma lill-membri, lill-parteċipanti, lill-emittenti u lill-klijenti dwar kif ***dawn beħsiebhom iwettqu*** l-attivitajiet ***tagħhom*** u kif l-użu tad-DLT se joħloq devjazzjonijiet meta mqabbel mal-mod kif is-servizz normalment jiġi pprovdut minn MTF jew CSD tradizzjonali li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli***.	(29) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun meħtieġa li tinforma lill-membri, lill-parteċipanti, lill-emittenti u lill-klijenti dwar kif ***hija beħsiebha twettaq*** l-attivitajiet ***tagħha*** u kif l-użu tad-DLT se joħloq devjazzjonijiet meta mqabbel mal-mod kif is-servizz normalment jiġi pprovdut minn MTF jew CSD tradizzjonali li jħaddem ***SSS***.

Or. en

Emenda 213
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti speċifiċi u robusti tal-IT u dawk ċibernetiċi relatati mal-użu tad-DLT. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jkunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-pjan tan-negozju tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li dawn l-arranġamenti jiżguraw l-affidabbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà kontinwa tas-servizzi pprovduti, inkluża l-affidabbiltà tal-kuntratti intelliġenti li potenzjalment jintużaw. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw l-integrità, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data maħżuna fid-DLT. ***Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT titħalla titlob awditu biex tiżgura li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi huma adattati għall-iskop tagħhom. Jenħtieġ li l-kostijiet ta' dan l-awditu jitħallsu mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT.***	(30) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti speċifiċi u robusti tal-IT u dawk ċibernetiċi relatati mal-użu tad-DLT. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti ***jkunu awditjati mill-awtorità kompetenti qabel ma tingħata kwalunkwe eżenzjoni, sabiex jiġi vverifikat jekk humiex adatti għall-iskop u*** jkunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-pjan tan-negozju tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT. ***Jenħtieġ li l-kostijiet ta' dan l-awditu jitħallsu mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT***. Jenħtieġ ukoll li dawn l-arranġamenti jiżguraw l-affidabbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà kontinwa tas-servizzi pprovduti, inkluża l-affidabbiltà tal-kuntratti intelliġenti li potenzjalment jintużaw. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw l-integrità, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data maħżuna fid-DLT.

Or. en

Emenda 214
Antonio Maria Rinaldi, Francesca Donato, Valentino Grant, Marco Zanni, Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti speċifiċi u robusti tal-IT u dawk ċibernetiċi relatati mal-użu tad-DLT. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jkunu proporzjonati man-	(30) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti speċifiċi u robusti tal-IT u dawk ċibernetiċi relatati mal-użu tad-DLT. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jkunu proporzjonati man-

natura, l-iskala u l-kumplessità tal-pjan tan-negozju tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li dawn l-arranġamenti jiżguraw l-affidabbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà kontinwa tas-servizzi pprovduti, inkluża l-affidabbiltà tal-kuntratti intelliġenti li potenzjalment jintużaw. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw l-integrità, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data maħżuna fid-DLT. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT titħalla titlob awditu biex tiżgura li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi huma adattati għall-iskop tagħhom. Jenħtieġ li l-kostijiet ta' dan l-awditu jitħallsu mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

natura, l-iskala u l-kumplessità tal-pjan tan-negozju tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li dawn l-arranġamenti jiżguraw l-affidabbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà kontinwa tas-servizzi pprovduti, inkluża l-affidabbiltà tal-kuntratti intelliġenti li potenzjalment jintużaw. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw l-integrità, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data maħżuna fid-DLT. ***Jenħtieġ li dawn il-miżuri jkunu konformi mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679 ("ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data") dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà li jistgħu jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju. Fir-rigward ta' kuntratti intelliġenti, jenħtieġ li japplika l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, li skontu s-suġġett tad-data għandu d-dritt li ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata unikament fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti legali li jikkonċernawh jew li jaffettwawh b'mod sinifikanti b'mod simili.*** Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT titħalla titlob awditu biex tiżgura li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi huma adattati għall-iskop tagħhom. Jenħtieġ li l-kostijiet ta' dan l-awditu jitħallsu mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Or. it

Emenda 215
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq	(30) Jenħtieġ li infrastruttura tas-suq

tad-DLT ikollha arranġamenti speċifiċi u robusti tal-IT u dawk ċibernetiċi relatati mal-użu tad-DLT. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jkunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-pjan tan-negozju tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li dawn l-arranġamenti jiżguraw l-affidabbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà kontinwa tas-servizzi pprovduti, inkluża l-affidabbiltà tal-kuntratti intelliġenti li potenzjalment jintużaw. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw l-integrità, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data maħżuna fid-DLT. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT titħalla ***titlob*** awditu biex tiżgura li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi huma adattati għall-iskop tagħhom. Jenħtieġ li l-kostijiet ta' dan l-awditu jitħallsu mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT.	tad-DLT ikollha arranġamenti speċifiċi u robusti tal-IT u dawk ċibernetiċi relatati mal-użu tad-DLT. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jkunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-pjan tan-negozju tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ ukoll li dawn l-arranġamenti jiżguraw l-affidabbiltà, il-kontinwità u s-sigurtà kontinwa tas-servizzi pprovduti, inkluża l-affidabbiltà tal-kuntratti intelliġenti li potenzjalment jintużaw***, jew maħluqa mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT innifisha jew minn parti terza wara proċeduri kuntrattwali ta' esternalizzazzjoni***. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw l-integrità, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data maħżuna fid-DLT. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT titħalla ***tagħti mandat għall-konformità ma' ċerti standards adatti għall-operazzjonijiet tad-DLT jew*** awditu biex tiżgura li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi huma adattati għall-iskop tagħhom. Jenħtieġ li l-kostijiet ta' ***din il-konformità mal-istandards jew*** ta' dan l-awditu jitħallsu mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irrid jiġi żgurat li r-responsabbiltà li tirriżulta minn kuntratt intelliġenti użat mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tibqa' magħha, irrispettivament jekk dak il-kuntratt intelliġenti jinħoloqx mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT innifisha jew minn parti terza wara l-proċeduri kuntrattwali ta' esternalizzazzjoni. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tiġi prevista l-konformità ma' ċerti standards, bħall-SOC2 jew l-ISO27001, li huma tajbin għall-operazzjonijiet tad-DLT.

Emenda 216
Antonio Maria Rinaldi, Francesca Donato, Valentino Grant, Marco Zanni, Gunnar Beck

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) F'każ ta' ksur ta' data personali, jenħtieġ li l-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT jinnotifika wkoll lill-Awtorità Superviżorja għall-Protezzjoni tad-Data rilevanti, f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Jenħtieġ li n-notifika msemmija fl-Artikolu 9(1)(b) ma tinftiehemx bħala alternattiva jew sostitut għan-notifika msemmija fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament.

Or. it

Emenda 217
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta l-pjan tan-negozju ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT jinvolvi s-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti, bħal flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus, jew titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn it-titoli trasferibbli tad-DLT, inkluż fil-forma ta' ċwievet kriptografiċi, jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti adegwati fis-seħħ biex tissalvagwardja l-assi tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li ***dawn*** ma jużawx l-assi tal-klijenti f'isimhom stess, għajr bil-kunsens espliċitu minn qabel mill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tissegrega l-fondi tal-klijenti jew it-titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn l-assi, mill-assi tagħha stess jew minn assi ta' klijenti oħra. Jenħtieġ li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw li l-assi tal-klijenti jiġu protetti kontra l-frodi,	(31) Meta l-pjan tan-negozju ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT jinvolvi s-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti, bħal flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus, jew titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn it-titoli trasferibbli tad-DLT, inkluż fil-forma ta' ċwievet kriptografiċi, jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti adegwati fis-seħħ biex tissalvagwardja l-assi tal-klijenti tagħhom. ***Dawk l-arranġamenti għandhom jimminimizzaw ir-riskju ta' telf tal-fondi tal-klijenti, bħal flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus, jew titoli trasferibbli tad-DLT jew id-drittijiet relatati magħhom, jew il-mezzi ta' aċċess għalihom, minħabba frodi, theddid ċibernetiku jew negliġenza.*** Jenħtieġ li ***l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT*** ma jużawx l-assi tal-klijenti f'isimhom stess, għajr bil-kunsens espliċitu minn qabel mill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq

it-theddid ċibernetiku jew ħsarat oħra.	tad-DLT tissegrega l-fondi tal-klijenti jew it-titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn l-assi, mill-assi tagħha stess jew minn assi ta' klijenti oħra. Jenħtieġ li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw li l-assi tal-klijenti jiġu protetti kontra l-frodi, it-theddid ċibernetiku jew ħsarat oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irid jiġi żgurat li dawn l-arranġamenti jimminimizzaw ir-riskju ta' telf tal-fondi tal-klijenti, bħal flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus kontanti jew titoli trasferibbli tad-DLT jew id-drittijiet relatati magħhom jew il-mezzi ta' aċċess għalihom, minħabba frodi, theddid ċibernetiku jew negliġenza.

Emenda 218
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta l-pjan tan-negozju ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT jinvolvi s-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti, bħal flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus, jew titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn it-titoli trasferibbli tad-DLT, inkluż fil-forma ta' ċwievet kriptografiċi, jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti adegwati fis-seħħ biex tissalvagwardja l-assi tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li dawn ma jużawx l-assi tal-klijenti f'isimhom stess, għajr bil-kunsens espliċitu minn qabel mill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tissegrega l-fondi tal-klijenti jew it-titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn l-assi, mill-assi tagħha stess jew minn assi ta' klijenti oħra. Jenħtieġ li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-	(31) Meta l-pjan tan-negozju ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT jinvolvi s-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti, bħal flus kontanti jew ekwivalenti ta' flus, jew titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn it-titoli trasferibbli tad-DLT, inkluż fil-forma ta' ċwievet kriptografiċi, jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha arranġamenti adegwati fis-seħħ biex tissalvagwardja l-assi tal-klijenti tagħhom***, li jenħtieġ li jiġu approvati mill-awtorità kompetenti qabel ma tingħata kwalunkwe eżenzjoni***. Jenħtieġ li dawn ma jużawx l-assi tal-klijenti f'isimhom stess, għajr bil-kunsens espliċitu minn qabel mill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tissegrega l-fondi tal-klijenti jew it-titoli trasferibbli tad-DLT, jew il-mezzi ta' aċċess għal dawn l-assi, mill-assi tagħha

infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw li l-assi tal-klijenti jiġu protetti kontra l-frodi, it-theddid ċibernetiku jew ħsarat oħra.	stess jew minn assi ta' klijenti oħra. Jenħtieġ li l-arranġamenti ġenerali tal-IT u dawk ċibernetiċi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiżguraw li l-assi tal-klijenti jiġu protetti kontra l-frodi, it-theddid ċibernetiku jew ħsarat oħra.

Or. en

Emenda 219
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Fiż-żmien meta jingħata l-permess speċifiku, jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikollhom ukoll strateġija ta' ħruġ kredibbli ***fis-seħħ*** fil-każ li jkun jenħtieġ li r-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jitwaqqaf jew li l-permess speċifiku jew uħud mill-eżenzjonijiet mogħtija jiġu rtirati.	(32) Fiż-żmien meta jingħata l-permess speċifiku, jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikollhom ukoll ***stabbilita*** strateġija ta' ħruġ kredibbli***, inkluż it-tranżizzjoni jew ir-riverżjoni tal-operazzjonijiet tad-DLT tagħhom għal infrastrutturi tradizzjonali,*** fil-każ li jkun jenħtieġ li r-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jitwaqqaf jew li l-permess speċifiku jew uħud mill-eżenzjonijiet mogħtija jiġu rtirati ***jew il-livelli limitu previsti f'dan ir-Regolament ikunu ntlaħqu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-każijiet kollha, iridu jiġu stabbiliti l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jitreġġgħu lura l-infrastrutturi tradizzjonali tas-suq, wara strateġija ċara ta' ħruġ u riverżjoni/tranżizzjoni.

Emenda 220
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida. Madankollu, ***meta*** tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. ***Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ l-opinjoni mhux vinkolanti tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li l-opinjoni mhux vinkolanti tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.***	(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, ***meta l-entità li tħaddem l-MTF tad-DLT tkun ditta tal-investiment jew operatur tas-suq,*** jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida. Madankollu***, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistabbilixxu proċeduri rapidi għal entitajiet mhux awtorizzati bħala MTF jew bħala CSD fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħhom għal permess speċifiku fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Meta*** tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proċedura rapida għal parteċipanti ġodda mhux awtorizzati bħala MTF jew bħala CSD bħala ż-żmien tal-applikazzjoni.

Emenda 221
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. ***Qabel ma jingħata*** permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li ***l-awtorità kompetenti*** tikkonsulta ***lill-ESMA***. ***Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar*** l-applikazzjoni ***jew*** l-eżenzjonijiet mitluba. ***Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ l-opinjoni mhux vinkolanti tagħha,*** jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet*** ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu***, jenħtieġ ukoll li l-opinjoni mhux vinkolanti tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha***.	(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. ***F'konformità mal-objettiv tal-Unjoni li jsir progress lejn Unjoni tas-Swieq Kapitali reali u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u uniformi tar-reġim pilota, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni superviżorja, jenħtieġ li l-ESMA jkollha mandat superviżorju dirett biex tagħti*** permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT ***u kwalunkwe eżenzjoni skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġu żgurati kooperazzjoni u skambju effettivi tal-informazzjoni rilevanti,*** jenħtieġ li ***l-ESMA*** tikkonsulta ***lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet rilevanti oħra, fejn xieraq, dwar l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT awtorizzati fl-Istati Membri tagħhom. Meta tivvaluta*** l-applikazzjoni ***u*** l-eżenzjonijiet mitluba, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri ***kif ukoll il-kundizzjonijiet*** ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu.

Or. en

Emenda 222
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** ġdida. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet ***li tkun qiegħda tfittex***. Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ ***opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe*** rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ ***l-opinjoni mhux vinkolanti*** tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li ***l-opinjoni mhux vinkolanti*** tal-ESMA timmira li tiżgura ***l-konsistenza*** u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.	(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem ***SSS*** ġdida. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura ***tas-suq*** tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet ***li beħsiebha tfittex***. Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ ***ir-rakkomandazzjoni*** tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li ***r-rakkomandazzjoni*** tal-ESMA timmira li tiżgura ***l-konverġenza, il-konsistenza*** u l-proporzjonalità ***ta' natura superviżorja*** tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ rwol imsaħħaħ tal-ESMA sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju u tiġi żgurata konverġenza superviżorja u applikazzjoni/infurzar uniformi madwar l-UE. F'dan ir-rigward, huwa tal-akbar importanza li l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni ("tikkonforma jew tispjega") minflok opinjoni mhux vinkolanti. Dan huwa aktar rilevanti meta wieħed iqis li mhux l-Istati Membri/l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kollha jaqsmu l-istess livell ta' litteriżmu u għarfien prattiku fit-teknoloġija, kif diġà spjegat fil-premessa 14.

Emenda 223
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ l-opinjoni mhux vinkolanti tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li l-opinjoni mhux vinkolanti tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.	(33) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti lil infrastruttura tas-suq tad-DLT isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għall-awtorizzazzjoni ta' MTF tradizzjonali, jew CSD fejn dan is-CSD ikun qiegħed ifittex li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli ġdida. Madankollu, meta tapplika għal permess, jenħtieġ li l-infrastruttura tad-DLT applikanti tindika l-eżenzjonijiet li tkun qiegħda tfittex. Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni ***mhux vinkolanti*** dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ l-opinjoni mhux vinkolanti tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq uniku kollu, jenħtieġ ukoll li l-opinjoni mhux vinkolanti tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 224
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Qabel ma jingħata permess għal infrastruttura tas-suq tad-DLT, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA toħroġ opinjoni mhux vinkolanti u li tagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni jew l-eżenzjonijiet mitluba. Jenħtieġ ukoll li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Meta toħroġ l-opinjoni mhux vinkolanti tagħha, jenħtieġ li l-ESMA jkollha l-għan li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta madwar is-suq intern kollu, jenħtieġ ukoll li l-opinjoni mhux vinkolanti tal-ESMA timmira li tiżgura l-konsistenza u l-proporzjonalità tal-eżenzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kompetenti differenti madwar l-Unjoni kollha. L-ESMA tista' tadotta linji gwida biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjonijiet u tirrikjedi miżuri ta' kumpens, abbażi tal-esperjenza rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti u fuq l-opinjonijiet mhux vinkolanti tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Premessa ġdida għaċ-ċarezza. Minbarra l-opinjonijiet mhux vinkolanti, l-ESMA tista' tkun tixtieq tadotta gwida addizzjonali fil-forma ta' linji gwida, f'każ ta' nuqqas ta' applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-reġim pilota madwar l-Unjoni.

Emenda 225
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) L-aċċess għar-reġim pilota

jenħtieġ li ma jkunx limitat għall-operaturi stabbiliti, iżda minflok jenħtieġ li jkun miftuħ għall-parteċipanti l-ġodda. Għalhekk, meta entità li ma tkunx awtorizzata skont l-MiFID II jew skont ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli tapplika għal awtorizzazzjoni skont dawk l-atti legali u, fl-istess ħin, tapplika għal permess speċifiku skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti, fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skont l-MiFID II jew skont ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli, tivverifika biss il-konformità mar-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom ma ntalbitx eżenzjoni u ngħatat fl-ambitu tar-reġim pilota. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li awtorizzazzjoni skont l-MiFID II jew skont ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli tingħata biss għall-iskop tat-tħaddim ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 226
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li teżamina l-applikazzjoni mressqa minn infrastruttura tas-suq prospettiva tad-DLT ***ikollha l-possibbiltà li*** tirrifjuta permess jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri jew l-integrità tas-suq jew jekk l-applikazzjoni kienet tentattiv biex jiġu evitati r-rekwiżiti eżistenti.	(34) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li teżamina l-applikazzjoni mressqa minn infrastruttura tas-suq prospettiva tad-DLT tirrifjuta permess jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri jew l-integrità tas-suq jew jekk l-applikazzjoni kienet tentattiv biex jiġu evitati r-rekwiżiti eżistenti.

Or. en

Emenda 227
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li teżamina l-applikazzjoni mressqa minn infrastruttura tas-suq prospettiva tad-DLT ikollha l-possibbiltà li tirrifjuta permess jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri jew l-integrità tas-suq jew jekk l-applikazzjoni kienet tentattiv biex jiġu evitati r-rekwiżiti eżistenti.	(34) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li ***se*** teżamina l-applikazzjoni mressqa minn infrastruttura tas-suq prospettiva tad-DLT ikollha l-possibbiltà li tirrifjuta permess jekk ikun hemm raġunijiet biex temmen li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun ta' theddida għall-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-investituri jew l-integrità tas-suq jew jekk l-applikazzjoni kienet tentattiv biex jiġu evitati r-rekwiżiti eżistenti.

Or. en

Emenda 228
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti minn awtorità kompetenti lil infrastruttura tas-suq partikolari tad-DLT jindika l-eżenzjonijiet mogħtija lil din l-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ li permess bħal dan ikun validu għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-ESMA tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull waħda minnhom.	(35) Jenħtieġ li l-permess speċifiku mogħti minn awtorità kompetenti lil infrastruttura tas-suq partikolari tad-DLT jindika l-eżenzjonijiet mogħtija lil din l-infrastruttura tas-suq tad-DLT. Jenħtieġ li permess bħal dan ikun validu għall-Unjoni ***u għall-perjodu ta' żmien biss li matulu jkun qed jaħdem ir-reġim pilota tad-DLT***. Jenħtieġ li l-ESMA tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT u l-lista ta' eżenzjonijiet mogħtija lil kull waħda minnhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun espliċitu li l-permess huwa soġġett għall-perjodu li fih se jkun qed jaħdem ir-reġim pilota, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' ħruġ bikri deskritta fil-Premessa 36.

Emenda 229
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-permess speċifiku u l-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jingħataw fuq bażi temporanja, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt snin mid-data tal-permess speċifiku. Wara perjodu ta' ħames snin ***mid-dħul*** fis-seħħ ***tar-Regolament***, l-ESMA u l-Kummissjoni ***jkunu meħtieġa jagħmlu*** valutazzjoni ***ta' dan ir-reġim*** pilota ***għal infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru diġitali***. Il-perjodu ta' sitt snin imsemmi hawn fuq jipprovdi biżżejjed żmien lill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jadattaw il-mudelli ta' negozju tagħhom għal kwalunkwe modifika ta' dan ir-reġim u joperaw taħt il-pilota b'mod kummerċjalment vijabbli. Dan jippermetti lill-ESMA u lill-Kummissjoni jiġbru u jirrapportaw dwar sett ta' data utli li jiġbor fih madwar tliet snin kalendarji tal-operazzjoni tar-reġim pilota wara l-għoti ta' massa kritika ta' permessi speċifiċi u eżenzjonijiet relatati. Dan jippermetti wkoll biżżejjed żmien għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jieħdu l-passi meħtieġa jew biex jistralċjaw l-operazzjonijiet tagħhom jew biex jgħaddu għal qafas regolatorju ġdid wara r-rapporti tal-ESMA u tal-Kummissjoni.	(36) Jenħtieġ li l-permess speċifiku u l-eżenzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, wara rakkomandazzjoni tal-ESMA, jingħataw fuq bażi temporanja,*** jingħataw għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt snin mid-data tal-permess speċifiku ***u jenħtieġ li jkunu validi biss għat-tul tal-operat tar-reġim pilota tad-DLT, wara l-valutazzjonijiet previsti mill-ESMA u mill-Kummissjoni***. Wara ***perjodu ta' tliet snin u*** perjodu ta' ħames snin ***mid-data tad-dħul*** fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***, l-ESMA u l-Kummissjoni ***jenħtieġ li jwettqu, rispettivament, valutazzjoni tal-ħruġ bikri u*** valutazzjoni ***finali tar-reġim*** pilota ***tad-DLT. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-perjodu ta' tliet snin għall-valutazzjoni tal-ħruġ bikri tiġi kkalkulata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u b'hekk tinkludi l-perjodu ta' 12-il xahar meħtieġ għat-tħejjija tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji, kif previst f'dan ir-Regolament.*** Il-perjodu ta' sitt snin imsemmi hawn fuq jipprovdi biżżejjed żmien lill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jadattaw il-mudelli ta' negozju tagħhom għal kwalunkwe modifika ta' dan ir-reġim u joperaw taħt il-pilota b'mod kummerċjalment vijabbli. Dan jippermetti lill-ESMA u lill-Kummissjoni jiġbru u jirrapportaw dwar sett ta' data utli li jiġbor fih madwar tliet snin kalendarji tal-operazzjoni tar-reġim pilota wara l-għoti ta'

massa kritika ta' permessi speċifiċi u eżenzjonijiet relatati ***hawnhekk***. Dan jippermetti wkoll biżżejjed żmien għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT biex jieħdu l-passi meħtieġa jew biex jistralċjaw l-operazzjonijiet tagħhom jew biex jgħaddu għal qafas regolatorju ġdid ***li jenħtieġ li jipprevedi, fost l-oħrajn, il-proċedura ta' adattament tal-permessi permanenti adatti għal qafas regolatorju ġdid,*** wara r-rapporti tal-ESMA u tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-pass mgħaġġel tal-evoluzzjoni tat-teknoloġija u sabiex jinżamm il-pass mal-iżviluppi u jinħoloq qafas legali li jibqa' validu fil-futur, nagħrfu l-mertu fl-introduzzjoni ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri mill-ESMA li tinforma u tagħti pariri lill-Kummissjoni, biex tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill valutazzjoni inizjali dwar aġġustament jew twaqqif potenzjali tar-reġim pilota tad-DLT wara tliet snin.

Emenda 230
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE (***id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, il-MiFID II***) jew ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli***), jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirtiraw il-permess speċifiku jew kwalunkwe eżenzjoni mogħtija lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, meta jkun ġie skopert difett fit-teknoloġija sottostanti jew fis-servizzi jew fl-attivitajiet ipprovduti mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, u sakemm dan id-difett jegħleb il-benefiċċji pprovduti mis-servizz inkwistjoni, jew meta l-infrastruttura tas-	(37) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/65/UE (***l-MiFiD II***) jew ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 (***is-CSDR***), jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirtiraw il-permess speċifiku jew kwalunkwe eżenzjoni mogħtija lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, meta jkun ġie skopert difett fit-teknoloġija sottostanti jew fis-servizzi jew fl-attivitajiet ipprovduti mill-infrastruttura tas-suq tad-DLT, u sakemm dan id-difett jegħleb il-benefiċċji pprovduti mis-servizz inkwistjoni, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kisret kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-permessi jew l-eżenzjonijiet imposti mill-

suq tad-DLT tkun kisret kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-permessi jew l-eżenzjonijiet imposti mill-awtorità kompetenti fiż-żmien tal-għoti tal-permess speċifiku, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun irreġistrat strumenti finanzjarji li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tat-titoli trasferibbli tad-DLT skont dan ir-Regolament. Matul l-attività tagħha, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha l-possibbiltà li titlob eżenzjonijiet addizzjonali għal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn l-eżenzjonijiet addizzjonali ***mitluba mill-infrastrutturi tas-suq tad-DLT ikunu soġġetti għal permess speċifiku mill-awtoritajiet*** kompetenti, bl-istess mod bħal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess inizjali tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

awtorità kompetenti fiż-żmien tal-għoti tal-permess speċifiku, jew meta l-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun irreġistrat strumenti finanzjarji li ***jaqbżu l-limiti jew*** ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tat-titoli trasferibbli tad-DLT skont dan ir-Regolament. Matul l-attività tagħha, jenħtieġ li infrastruttura tas-suq tad-DLT ikollha l-possibbiltà li titlob eżenzjonijiet addizzjonali għal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess ***inizjali***. F'każ bħal dan, jenħtieġ li dawn l-eżenzjonijiet addizzjonali ***jintalbu mingħand l-awtoritajiet*** kompetenti, bl-istess mod bħal dawk mitluba fiż-żmien tal-permess inizjali tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT.

Or. en

Emenda 231
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Minħabba li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jistgħu jirċievu eżenzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti, jenħtieġ li dawn jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) matul iż-żmien tal-permess speċifiku tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-pjan tan-negozju tagħhom u fil-persunal kritiku tagħhom, dwar kwalunkwe evidenza ta' theddid jew attakki ċibernetiċi, frodi jew malprassi serja, dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fiż-żmien tal-	(38) Minħabba li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jistgħu jirċievu eżenzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti, jenħtieġ li dawn jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) matul iż-żmien tal-permess speċifiku tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-pjan tan-negozju tagħhom u fil-persunal kritiku tagħhom, dwar kwalunkwe evidenza ta' theddid jew attakki ċibernetiċi, frodi jew malprassi serja, dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fiż-żmien tal-

applikazzjoni inizjali għall-permess, dwar kwalunkwe diffikultà teknika, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-użu tad-DLT, u dwar kwalunkwe riskju ġdid għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja li ma kienx previst fiż-żmien meta ngħata l-permess speċifiku. Meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT biex tapplika għal permess ġdid jew eżenzjoni ġdida jew li tieħu kwalunkwe miżura korrettiva li tqis li hi xierqa. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab din id-data. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kapaċi tirrakkomanda kwalunkwe miżura korrettiva, wara ***konsultazzjoni mal-ESMA***.	applikazzjoni inizjali għall-permess, dwar kwalunkwe diffikultà teknika, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-użu tad-DLT, u dwar kwalunkwe riskju ġdid għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja li ma kienx previst fiż-żmien meta ngħata l-permess speċifiku. Meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT biex tapplika għal permess ġdid jew eżenzjoni ġdida jew li tieħu kwalunkwe miżura korrettiva li tqis li hi xierqa. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab din id-data. Sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja***, meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tikkonsulta mal-ESMA għal ħruġ ta' rakkomandazzjoni, u fuq dik il-bażi titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tapplika għal permess ġdid jew tieħu kwalunkwe miżura korrettiva l-ESMA tqis li hija xierqa. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab din id-data.*** Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kapaċi tirrakkomanda kwalunkwe miżura korrettiva, wara ***li tkun inħarġet rakkomandazzjoni mill-ESMA***.
	Or. en

Emenda 232
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(38) Minħabba li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jistgħu jirċievu eżenzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti, jenħtieġ li dawn jikkooperaw mill-qrib mal-awtorit ajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) matul iż-żmien ***tal-permess*** speċifiku tagħhom. Jenħtieġ li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-pjan tan-negozju tagħhom u fil-persunal kritiku tagħhom, dwar kwalunkwe evidenza ta' theddid jew attakki ċibernetiċi, frodi jew malprassi serja, dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fiż-żmien tal-applikazzjoni inizjali għall-permess, dwar kwalunkwe diffikultà teknika, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-użu tad-DLT, u dwar kwalunkwe riskju ġdid għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja li ma kienx previst fiż-żmien meta ***ngħata l-permess speċifiku***. Meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT biex tapplika għal permess ġdid jew eżenzjoni ġdida jew li tieħu kwalunkwe miżura korrettiva ***li tqis li hi xierqa***. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab din id-data. ***Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja***, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kapaċi ***tirrakkomanda kwalunkwe*** miżura korrettiva***, wara konsultazzjoni mal-ESMA***.

(38) Minħabba li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jistgħu jirċievu eżenzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti, jenħtieġ li dawn jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) matul iż-żmien ***li fih il-permess*** speċifiku tagħhom ***ikun validu***. Jenħtieġ li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA dwar kwalunkwe bidla materjali fil-pjan tan-negozju tagħhom u fil-persunal kritiku tagħhom, dwar kwalunkwe evidenza ta' theddid jew attakki ċibernetiċi, frodi jew malprassi serja, dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fiż-żmien tal-applikazzjoni inizjali għall-permess, dwar kwalunkwe diffikultà teknika, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-użu tad-DLT, u dwar kwalunkwe riskju ġdid għall-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja li ma kinux previsti fiż-żmien meta ***ngħataw il-permessi speċifiċi***. ***Sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja,*** meta tiġi nnotifikata b'din il-bidla materjali, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ***tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom taħdem l-infrastruttura tas-suq tad-DLT u titlob lill-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni, u fuq dik il-bażi*** titlob lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT biex tapplika ***jew*** għal permess ġdid jew eżenzjoni ġdida jew li tieħu kwalunkwe miżura korrettiva ***wara r-rakkomandazzjoni tal-ESMA***. Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jipprovdu kwalunkwe data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA, kull meta tintalab din id-data. ***Wara konsultazzjoni mal-ESMA***, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tat permess speċifiku lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tkun kapaċi ***tirrikjedi lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tieħu*** miżura korrettiva ***temporanja sakemm l-ESMA toħroġ rakkomandazzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kummenti editorjali u kjarifiki. Barra minn hekk, fil-każ tal-bidliet materjali deskritti hawnhekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati membri ospitanti għandhom jiġu notifikati u l-ESMA għandha tiġi kkonsultata għal rakkomandazzjoni. F'każ li jitqies meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu lill-infrastruttura tas-suq tad-DLT tieħu kwalunkwe miżura temporanja sal-ħruġ tar-rakkomandazzjoni tal-ESMA, u mhux biss jagħmlu "rakkomandazzjoni" f'każijiet fejn jinqalgħu kwistjonijiet ta' protezzjoni għall-investitur, integrità tas-suq u stabbiltà finanzjarja.

Emenda 233
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Jenħtieġ li l-ESMA toħloq kumitat konsultattiv ad hoc, fil-forma ta' grupp ta' partijiet ikkonċernati, li jlaqqa' flimkien rappreżentanti kemm tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi kif ukoll privati għal perjodu limitat ta' żmien ekwivalenti għat-tul ta' żmien tal-operat tar-reġim pilota. Jenħtieġ li tali kumitat konsultattiv ad hoc jingħata l-mandat li jwettaq il-ħidma preparatorja u konsultattiva meħtieġa biex jappoġġja lill-ESMA meta toħroġ ir-rakkomandazzjonijiet previsti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, billi jibgħat dikjarazzjoni bil-miktub lill-ESMA li tistabbilixxi r-raġunijiet għal rifjut ta' eżenzjoni, jew għal permess li l-kumitat iqis li mhuwiex motivat jew mhux xieraq biżżejjed fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li tali kumitat konsultattiv ad hoc jeżamina l-ilmenti ppreżentati direttament lill-ESMA f'każijiet fejn applikant iqis li t-talba għal eżenzjoni jew permess tiegħu biex jipparteċipa fl-ambitu tar-reġim pilota ġiet miċħuda b'mod mhux xieraq mill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti tiegħu. Madankollu, sabiex jiġi

evitat li l-applikanti jippreżentaw ilmenti abbużivi quddiem l-ESMA, jenħtieġ li tiġi adottata proċedura speċifika biex jiġu analizzati biss ilmenti kompluti u dokumentati sew mibgħuta lill-kumitat konsultattiv. Jenħtieġ li dik il-proċedura tqassar id-dewmien fit-trażmissjoni fuq talba tal-kumitat konsultattiv wara t-tweġiba tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni rilevanti u tipprevedi sett ta' dokumentazzjoni li għandha tintbagħat lill-kumitat konsultattiv li jkun jinkludi b'mod partikolari sommarju tal-attivitajiet tal-applikant u l-eżenzjoni(jiet) mitluba. Jenħtieġ li d-dokumenti rilevanti sottomessi, kif ukoll id-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni li tirrifjuta l-eżenzjoni(jiet) jew il-permessi mitluba, jiġu tradotti bl-Ingliż.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bil-għan li jkun hemm konverġenza, konsistenza u proporzjonalità ta' natura superviżorja fl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan ir-Regolament minn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni differenti madwar l-Unjoni, li jistgħu ma jaqsmux l-istess livell ta' għarfien prattiku fit-teknoloġija, u b'hekk irawmu kundizzjonijiet ekwi u jiskoraġġixxu l-arbitraġġ regolatorju, huwa ssuġġerit rwol imsaħħaħ għall-ESMA. F'konformità mal-Azzjoni 16 tal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid tas-CMU tal-Kummissjoni.

Emenda 234
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jagħmlu rapporti regolari lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u lill-ESMA. Jenħtieġ li l-ESMA torganizza diskussjonijiet dwar ***dawn*** ir-rapporti sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti kollha madwar l-Unjoni jiksbu esperjenza dwar l-impatt tal-użu tad-DLT u	(39) Jenħtieġ ukoll li l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jagħmlu rapporti regolari lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u lill-ESMA. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkunu stabbilew ċentru tal-innovazzjoni jew ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja jorganizzaw diskussjonijiet fost id-dipartimenti***

dwar kwalunkwe adattament għal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni li jista' jkun meħtieġ biex id-DLT tkun tista' tintuża fuq skala akbar.	***kompetenti tagħhom sabiex jiksbu fehim u jxerrdu l-għarfien li jkunu kisbu. Barra minn hekk, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Forum Ewropew għall-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni (l-EFIF), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddiskutu każijiet bil-għan li jiskambjaw l-għarfien u jistabbilixxu l-aħjar prattiki.*** Jenħtieġ li l-ESMA torganizza diskussjonijiet dwar ***dawk*** ir-rapporti sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti kollha madwar l-Unjoni jiksbu esperjenza dwar l-impatt tal-użu tad-DLT ***fis-swieq finanzjarji*** u dwar kwalunkwe adattament għal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni li jista' jkun meħtieġ biex id-DLT tkun tista' tintuża fuq skala akbar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost li jiġu sfruttati l-faċilitaturi tal-innovazzjoni (ċentri tal-innovazzjoni u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja) stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll l-EFIF stabbilit mill-Kummissjoni bil-kooperazzjoni tat-tliet ASE sabiex jittejjeb il-fehim komuni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-ASE, bil-ħsieb li jkun hemm adattament rapidu għar-regolament tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji.

Emenda 235
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) ***Ħames snin*** wara ***d-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA ***tirrapporta*** lill-Kummissjoni dwar ***dan*** ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT***, inkluż dwar il-benefiċċji*** potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u ***d-diffikultajiet tekniċi***. Abbażi tar-rapport ***tal-ESMA***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta ***lill-Kunsill u*** lill-	(40) ***Sa...[36 xahar*** wara ***d-data ta' applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament***]***, jenħtieġ li l-ESMA ***tippreżenta rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri*** lill-Kummissjoni ***biex din tal-aħħar tkun tista' tiddeċiedi jekk testendix*** ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, ***għal ...[ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].***

Parlament Ewropew. Jenħtieġ li ***dan ir-rapport*** jivvaluta ***l-kostijiet*** u l-benefiċċji biex ***dan*** ir-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ***ieħor***, biex ***dan*** ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex ***dan*** ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm ***dan*** ir-reġim.

Jenħtieġ li r-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri jinkludi benefiċċji potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw ***u kwalunkwe diffikultà teknika li wieħed jiltaqa' magħha***. ***Jenħtieġ li r-rapport tal-valutazzjoni ta' ħruġ bikri jiġi prodott abbażi ta' rapporti interim annwali, li l-ewwel wieħed minnhom jenħtieġ li jiġi prodott 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji previsti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri jipprovdi opportunità għal evalwazzjoni u għal komunikazzjonijiet interpretattivi li jtejbu ċ-ċertezza tad-dritt u ċ-ċarezza regolatorja abbażi tal-informazzjoni miġbura, fost l-oħrajn, dwar id-daqs tas-suq, it-tagħlimiet meħuda, u l-evoluzzjoni tat-teknoloġija tad-DLT. Fil-każ li r-reġim pilota jiġi estiż mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-ESMA tipprovdi lill-Kummissjoni bir-rapport finali tagħha dwar ir-reġim pilota tad-DLT sa... [ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Ir-rapport finali jenħtieġ li jitħejja fuq l-istess linji tar-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tippreżenta*** rapport lill-Parlament Ewropew ***u lill-Kunsill ibbażat fuq ir-rapport ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri tal-ESMA u sussegwentement, fejn applikabbli, rapport ibbażat fuq ir-rapport finali tal-ESMA***. Jenħtieġ li ***r-rapport tal-Kummissjoni jivvaluta f'kull każ il-kostijiet*** u l-benefiċċji biex ir-reġim ***pilota*** dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ***ulterjuri***, biex ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm ir-reġim. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jew il-valutazzjoni ta' ħruġ bikri jew il-valutazzjoni finali jiċċaraw kif jenħtieġ li tiġi ttrattata t-tranżizzjoni mir-reġim pilota għal reġim regolatorju tat-titoli DLT armonizzat bis-sħiħ, kif***

jenħtieġ li jiġu mmitigati r-riskji, kif jenħtieġ li jiġu ttrattati l-istrumenti li jimmaturaw wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u kif is-separazzjoni tal-MTFs, li jipprovdu għadd ta' funzjonijiet li huma separati fil-preżent, jenħtieġ li titwettaq wara t-terminazzjoni tar-reġim pilota.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġija u l-innovazzjoni finanzjarja, huwa propost li l-ESMA għandha tissottometti lill-Kummissjoni rapport dettaljat ta' valutazzjoni ta' ħruġ bikri dwar aġġustament potenzjali jew waqfien tar-reġim pilota wara perjodu ta' tliet snin. Il-Kummissjoni, wara r-rapport ta' valutazzjoni tal-ESMA dwar il-ħruġ bikri, għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jekk ir-reġim pilota ma jiġix itterminat, ir-rapporti tat-tieni valutazzjoni tal-ESMA u tal-Kummissjoni għandhom jiġu ppreżentati wara ħames snin.

Emenda 236
Chris MacManus
Marisa Matias f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) ***Ħames snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tirrapporta lill-Kummissjoni dwar dan ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, inkluż dwar il-benefiċċji potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u d-diffikultajiet tekniċi. Abbażi tar-rapport tal-ESMA, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Jenħtieġ li dan ir-rapport ***jivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji biex dan ir-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ieħor, biex dan ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex dan ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki*** fil-	(40) ***Sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tirrapporta lill-Kummissjoni dwar dan ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, inkluż dwar il-benefiċċji potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u d-diffikultajiet tekniċi. Abbażi tar-rapport tal-ESMA, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Jenħtieġ li dan ir-rapport ***juri kif beħsiebha tinkorpora t-tagħlimiet meħuda*** fil-leġiżlazzjoni ***eżistenti***.

leġiżlazzjoni ***dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm dan ir-reġim***.

Or. en

Emenda 237
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tirrapporta lill-Kummissjoni dwar dan ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, inkluż dwar il-benefiċċji potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u d-diffikultajiet tekniċi. Abbażi tar-rapport tal-ESMA, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Jenħtieġ li dan ir-rapport jivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji biex dan ir-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ieħor, biex dan ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex dan ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm dan ir-reġim.	(40) Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, jenħtieġ li l-ESMA tirrapporta lill-Kummissjoni dwar dan ir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, inkluż dwar il-benefiċċji potenzjali marbuta mal-użu tad-DLT, ir-riskji li jirriżultaw u d-diffikultajiet tekniċi. Abbażi tar-rapport tal-ESMA, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Jenħtieġ li dan ir-rapport jivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji biex dan ir-reġim dwar l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jiġi estiż għal perjodu ta' żmien ieħor, biex dan ir-reġim jiġi estiż għal tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji, biex dan ir-reġim isir permanenti bi jew mingħajr modifiki, biex isiru modifiki fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jintemm dan ir-reġim.

Or. en

Emenda 238
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(40a) Jenħtieġ li l-ESMA tippubblika rapporti annwali sabiex tipprovdi lill-parteċipanti fis-suq fehim aħjar tal-funzjonament u l-iżvilupp tas-swieq u tipprovdi kjarifika dwar l-applikazzjoni tar-reġim pilota. Jenħtieġ li r-rapporti jinkludu wkoll aġġornament dwar il-progress tar-reġim pilota fir-rigward tax-xejriet u r-riskji emerġenti u għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 239
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Ma jkunx mixtieq li jkun hemm żewġ reġimi paralleli għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq id-DLT u dawk mhux ibbażati fuq id-DLT. Jekk ir-reġim pilota previst f'dan ir-Regolament ikun ta' suċċess, dan jista' jsir permanenti billi tiġi emendata l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji b'tali mod li tistabbilixxi qafas uniku u koerenti.

Or. en

Emenda 240
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 40b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40b) Sabiex tissorvelja l-progress tar-reġim pilota, jenħtieġ li l-ESMA tipprovdi

lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar ix-xejriet, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet l-aktar importanti fir-rigward tar-reġim pilota.

Or. en

Emenda 241
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) L-operat tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT jista' jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali. Jenħtieġ li kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jitwettaq f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679[1a] u (UE) 2018/1725[1b].
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il- Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
	[1b] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L

295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis il-messaġġ ewlieni tal-Opinjoni 6/2021 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), jiġifieri l-ħtieġa ta' konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

Emenda 242
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar ***faċilitajiet multilaterali tan-negozjar u sistemi ta' saldu tat-titoli li jużaw teknoloġija ta' reġistru distribwit,*** ***"***infrastrutturi tas-suq tad-DLT***"***, li jingħataw ***permessi speċifiċi*** biex joperaw skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar infrastrutturi tas-suq tad-DLT, li jingħataw ***permess speċifiku*** biex joperaw skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 243
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar ***faċilitajiet multilaterali tan-negozjar u sistemi ta' saldu tat-titoli li jużaw teknoloġija ta' reġistru distribwit,*** "infrastrutturi tas-suq tad-DLT", li jingħataw permessi speċifiċi biex joperaw	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar "infrastrutturi tas-suq tad-DLT", li jingħataw permessi speċifiċi biex joperaw skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.

skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.

Or. en

Emenda 244
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar ***faċilitajiet multilaterali tan-negozjar*** u sistemi ***ta' saldu tat-titoli*** li jużaw teknoloġija ta' reġistru distribwit, "infrastrutturi tas-suq tad-DLT", li jingħataw permessi speċifiċi biex joperaw skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar ***entitajiet*** u sistemi li jużaw teknoloġija ta' reġistru distribwit, "infrastrutturi tas-suq tad-DLT", li jingħataw permessi speċifiċi biex joperaw skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 245
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA.	(f) il-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti u l-ESMA.

Or. en

Emenda 246
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA.	(f) il-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-infrastrutturi tas-suq tad-DLT, l-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti u l-ESMA.

Or. en

Emenda 247
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser ***klassi ta' teknoloġiji li jappoġġaw ir-reġistrar distribwit ta' data kriptata***;	(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser ***tip ta' teknoloġija li tirreferi għall-protokolli u għall-infrastruttura ta' sostenn li tippermetti lill-kompjuters f'postijiet differenti jipproponu u jivvalidaw tranżazzjonijiet u jaġġornaw b'mod sinkronizzat, permezz ta' network***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex nibqgħu validi fil-futur, għandna nagħżlu definizzjoni li hija teknoloġikament newtrali u maqbula fuq livell internazzjonali. Għalhekk, huwa ssuġġerit li tintuża d-definizzjoni ta' DLT tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (cf. BIS Quarterly Review, Settembru 2017).

Emenda 248
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser klassi ta' teknoloġiji li ***jappoġġaw*** ir-reġistrar distribwit ta' data ***kriptata***;	(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser klassi ta' teknoloġiji li ***jippermettu*** r-reġistrar distribwit ta' data ***permezz ta' mekkaniżmi siguri bħall-kriptografija***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża t-terminu usa' tal-kriptografija li jinkludi l-kriptaġġ, il-hashing u tekniki oħra, filwaqt li jibqa' validu fil-futur. Pereżempju, il-kriptaġġ huwa funzjoni bidirezzjonali; dak li huwa kriptat jista' jiġi ddekodifikat bil-kodiċi xieraq. Il-hashing, madankollu, huwa funzjoni b'direzzjoni waħda li jiddekomponi test sempliċi biex jipproduċi message digest uniku. ... Min iwettaq l-attakk jisraq fajl ta' passwords hashed irid mbagħad jaqta' l-password. It-tnejn, fost l-oħrajn, qed jintużaw fid-DLT. Barra minn hekk, wieħed għandu joqgħod attent li jallinja l-użi tad-definizzjonijiet f'dan ir-regolament ma' dawk tal-MiCA proposti.

Emenda 249
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser ***klassi ta' teknoloġiji li jappoġġaw ir-reġistrar*** distribwit ***ta' data kriptata***;	(1) "teknoloġija ta' reġistru distribwit" jew "DLT" tfisser ***teknoloġija ta' reġistru*** distribwit ***kif definita fir-Regolament xxx (MiCA)***;

Or. en

Emenda 250
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) jenħtieġ li l-proprjetarju u l-entità responsabbli għan-network tad-DLT

	***jipprovdu l-informazzjoni relatata mal-approċċ tekniku sottostanti tal-infrastruttura tad-DLT u jkunu responsabbli f'każ ta' kwalunkwe problema jew tfixkil. Fit-test jenħtieġ li tiddaħħal delineazzjoni bejn l-infrastrutturi permessi u dawk mingħajr permess tad-DLT peress li l-obbligazzjonijiet marbuta maż-żewġ tipi ta' infrastrutturi tad-DLT jistgħu jkunu differenti;*

Or. en

Emenda 251
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT" tfisser "faċilità multilaterali tan-negozjar"***,*** ***imħaddma minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq,*** li tammetti għan-negozjar titoli trasferibbli bid-DLT biss u li jista' jkollha l-permess, abbażi ta' regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskrezzjonali u uniformi, li:	(3) "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT" tfisser "faċilità multilaterali tan-negozjar" li tammetti għan-negozjar titoli trasferibbli bid-DLT biss u li jista' jkollha l-permess, abbażi ta' regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskrezzjonali u uniformi, li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 252
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT" tfisser "faċilità multilaterali tan-negozjar", imħaddma minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq, li tammetti għan-negozjar titoli trasferibbli bid-DLT biss u li jista' jkollha ***l-permess***, abbażi ta' regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskrezzjonali u uniformi, li:	(3) "faċilità multilaterali tan-negozjar tad-DLT" jew "MTF tad-DLT" tfisser "faċilità multilaterali tan-negozjar", imħaddma minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq, li tammetti għan-negozjar titoli trasferibbli bid-DLT biss ***imsemmija fl-Artikolu 3*** u li jista' jkollha ***l-liċenzja jew il-permess***, abbażi ta' regoli u proċeduri trasparenti, mhux diskrezzjonali u uniformi, li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontroreferenza għall-Artikolu 3. Kjarifika biex jiġu inklużi parteċipanti ġodda fis-suq li jixtiequ japplikaw għal liċenzja biex isiru operaturi ta' MTF akkumpanjati b'permess biex iħaddmu MTF tad-DLT, skont dak li huwa previst hawnhekk għal MTFs tad-DLT.

Emenda 253
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT" tfisser sistema ta' saldu tat-titoli***, imħaddma minn "depożitorju ċentrali tat-titoli",*** li tissalda tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT bi ħlas;	(4) "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT" tfisser sistema ta' saldu tat-titoli li tissalda tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT bi ħlas;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 254
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT" tfisser sistema ta' saldu tat-titoli, imħaddma minn "depożitorju ċentrali tat-titoli", li ***tissalda*** tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli tad-DLT bi ħlas;	(4) "sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT" tfisser sistema ta' saldu tat-titoli, imħaddma minn "depożitorju ċentrali tat-titoli" li ***tammetti biss titoli trasferibbli tad-DLT u li hija liċenzjata jew permessa, abbażi ta' regoli u proċeduri uniformi, trasparenti u mhux diskrezzjonali, biex:*** ***(a) tiżgura r-reġistrar inizjali tat-titoli trasferibbli tad-DLT;*** ***(b) tissalda*** tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli bid-DLT bi ħlas; ***kif ukoll*** ***(c) tipprovdi servizzi ta' salvagwardja fir-rigward ta' titoli trasferibbli bid-DLT, jew fejn applikabbli, ta' ħlasijiet u kollateral relatati, ippruvduti bl-użu tal-MTF tad-DLT;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontroreferenza għall-Artikolu 3. Kjarifika biex jiġu inklużi parteċipanti ġodda fis-suq li jixtiequ japplikaw għal liċenzja biex isiru operaturi ta' CSD akkumpanjati b'permess biex iħaddmu SSS tad-DLT skont dak li huwa previst hawnhekk. Barra minn hekk, peress li l-MTFs tad-DLT huma permessi jipprovdu servizzi ta' CSD f'dan il-kuntest pilota, huwa propost li l-SSSs tad-DLT ikunu jistgħu jipprovdu, rispettivament, servizzi tal-MTF skont il-kundizzjonijiet deskritti hawnhekk.

Emenda 255
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "titoli trasferibbli tad-DLT" ifissru "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(44) (a) u (b) tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT;	(5) "titoli trasferibbli tad-DLT" ifissru "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(44) (a) u (b) tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT***, li ma tkunx mibnija jew ibbażata fuq mekkaniżmu ta' kunsens tal-prova***

tax-xogħol;

Or. en

Emenda 256
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "titoli trasferibbli tad-DLT" ifissru "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(44) (a) u (b) tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT;	(5) "titoli trasferibbli tad-DLT" ifissru "titoli trasferibbli" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(44) (a) u (b) tad-Direttiva 2014/65/UE***, inklużi l-irċevuti depożitarji,*** li jinħarġu, jiġu rreġistrati, jiġu ttrasferiti u jinħażnu bl-użu ta' DLT;

Or. en

Emenda 257
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "Unitajiet ta' fondi negozjati fil-borża tad-DLT" jew "unitajiet tal-ETF tad-DLT" tfisser unitajiet jew ishma ta' fond innegozjat fil-borża skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(46) tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, ittrasferiti u maħżuna bl-użu tad-DLT;

Or. en

Emenda 258
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "Unitajiet ta' fondi negozjati fil-borża tad-DLT" jew "unitajiet tal-ETF tad-DLT" tfisser unitajiet jew ishma ta' fond innegozjat fil-borża skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(46) tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, ittrasferiti u maħżuna bl-użu tad-DLT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nagħrfu l-mertu fit-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tat-titoli trasferibbli tad-DLT għall-ETFs sabiex ikun hemm ambjent pilota aktar favorevoli li jipprovdi lil aktar parteċipanti tas-suq il-kapaċità li jiksbu esperjenza bil-mudelli tad-DLT. Huwa ssuġġerit ukoll li dawn l-ETFs tad-DLT għandhom jinvestu bl-aħjar mod f'ishma u bonds tad-DLT.

Emenda 259
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "Unitajiet tad-DLT ta' impriżi ta' investiment kollettiv" tfisser unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv imsemmija fl-Anness III, taqsima C, punt 3 tad-Direttiva 2014/65/UE li jinħarġu, jiġu rreġistrati, trasferiti u maħżuna bl-użu ta' DLT;

Or. en

Emenda 260
Eva Kaili

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) "muniti tas-saldu " tfisser flus tal-banek kummerċjali f'forma tokenizzata;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni jista' jkollha bżonn tiġi allinjata ma' dik li tista' tiġi inkluża fil-MiCAR propost.

Emenda 261
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "bond sovran" ifisser bond maħruġ minn emittent sovran li huwa jew:	(13) 'bond sovran' tfisser bond maħruġ minn emittent sovran ***kif definit fl-Artikolu 4(1)(60)(i) u (ii) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-MiFiD II)*** li huwa jew:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza tad-dritt, id-definizzjoni (13) għandha tiġi allinjata ma' dik tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-MiFiD II). Ir-regolament propost jintroduċi d-definizzjonijiet ta' "bond sovran" u "bond pubbliku ieħor" bl-emittent rispettiv ikun "entità sovrana" u "entità pubblika", filwaqt li skont l-Artikolu 4 tal-MiFID II, l-entitajiet pubbliċi deskritti f'din il-proposta huma definiti bħala "entitajiet sovrani".

Emenda 262
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "bond sovran" ifisser bond maħruġ minn emittent sovran ***li huwa jew***:	(13) "bond sovran" ifisser bond maħruġ minn emittent sovran ***skont it-tifsira tal-Artikoli 4(1)(60) tad-Direttiva 2014/65/UE;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjoni tal-MiFID ta' emittent sovran.

Emenda 263
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjoni tal-MiFID ta' emittent sovran.

Emenda 264
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Stat Membru, inkluż dipartiment tal-gvern, aġenzija jew veikolu bi skop speċjali ta' Stat Membru jew entità sovrana oħra;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjoni tal-MiFID ta' emittent sovran.

Emenda 265
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) entità sovrana li mhijiex imniżżla taħt il-punti (a) u (b);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjoni tal-MiFID ta' emittent sovran.

Emenda 266
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) entità sovrana li mhijiex imniżżla taħt il-punti (a) u (b);	***imħassar***

Or. en

Emenda 267
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "bond pubbliku ieħor" ifisser bond maħruġ minn kwalunkwe wieħed mill-	(14) "bond pubbliku ieħor" tfisser bond maħruġ minn kwalunkwe wieħed mill-

emittenti ***pubbliċi*** li ġejjin:	emittenti ***sovrani*** li ġejjin***, kif definit fl-Artikolu 4(1)(60)(iii), (iv), (v) u (vi) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (MiFID II)***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza tad-dritt, id-definizzjoni (14) għandha tiġi allinjata ma' dik tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-MiFiD II). Ir-regolament propost jintroduċi d-definizzjonijiet ta' "bond sovran" u "bond pubbliku ieħor" bl-emittent rispettiv ikun "entità sovrana" u "entità pubblika", filwaqt li skont l-Artikolu 4 tal-MiFID II, l-entitajiet pubbliċi deskritti f'din il-proposta huma definiti bħala "entitajiet sovrani".

Emenda 268
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) entità pubblika li mhijiex emittent ta' bond sovran kif speċifikat fil-punt (13).	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***li nkella tinħatar mill-Istati Membri*** għall-finijiet tas-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(c) **L-*ESMA*** għall-finijiet tas-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandu jkollha mandat superviżorju dirett skont dan ir-Regolament. Din l-emenda hija maħsuba biex tapplika orizzontalment fit-test kollu.

Emenda 270
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) entità li tħaddem MTF tad-DLT li la hija ditta tal-investiment u lanqas operatur tas-suq, l-Istat Membru li fih l-entità hija rreġistrata jew, jekk skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru ma għandha l-ebda uffiċċju rreġistrat, l-Istat Membru li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-operatur;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 271
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) entità li tħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT li mhijiex CSD, l-Istat Membru li fih l-operatur huwa rreġistrat jew, jekk skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru ma għandha l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-operatur;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 272
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ishma, li l-emittent tagħhom għandu kapitalizzazzjoni tas-suq jew kapitalizzazzjoni tas-suq tentattiva ta' anqas minn EUR ***200*** miljun; jew	(a) ishma, li l-emittent tagħhom għandu kapitalizzazzjoni tas-suq jew kapitalizzazzjoni tas-suq tentattiva ta' anqas minn EUR ***500*** miljun; jew

Or. en

Emenda 273
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ishma, li l-emittent tagħhom għandu kapitalizzazzjoni tas-suq jew kapitalizzazzjoni tas-suq tentattiva ta' anqas minn EUR ***200*** miljun; jew	(a) ishma, li l-emittent tagħhom għandu kapitalizzazzjoni tas-suq jew kapitalizzazzjoni tas-suq tentattiva ta' anqas minn EUR ***100*** miljun; jew

Or. en

Emenda 274
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u	(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, ***bonds sovrani,*** bonds

bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR 500 miljun.	pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR 500 miljun.

Or. en

Emenda 275
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR 500 miljun.	(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, ***bonds sovrani,*** bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR 500 miljun.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' bonds sovrani fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim pilota.

Emenda 276
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR 500 miljun.	(b) bonds konvertibbli, ***bonds sovrani,*** bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR 500 miljun.

Or. en

Emenda 277
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Pedro Marques

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR ***500*** miljun.	(b) bonds konvertibbli, bonds koperti, bonds korporattivi, bonds pubbliċi oħra u bonds oħra, b'daqs ta' ħruġ ta' anqas minn EUR ***250*** miljun.

Or. en

Emenda 278
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) unitajiet tal-ETF tad-DLT, unitajiet tal-UCITS li jinvestu fit-tipi ta' strumenti msemmija fil-punti (a) u (b).

Or. en

Emenda 279
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) unitajiet tal-ETF tad-DLT, li jinvestu fit-tipi ta' strumenti msemmija fil-punti (a) u (b).

Or. en

Emenda 280
Eva Kaili

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) unitajiet tal-ETF tad-DLT, b'daqs ta' ħruġ ta' inqas minn EUR 500 miljun.

Or. en

Emenda 281
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv, b'daqs ta' ħruġ ta' inqas minn EUR 500 miljun.

Or. en

Emenda 282
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu permess jirreġistra titoli trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra bonds sovrani skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa propost li l-bonds sovrani jiġu inklużi bħala strument eliġibbli sabiex isir provvediment għall-Istati Membri li jixtiequ jiksbu esperjenza bl-infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

Emenda 283
Jessica Polfjärd, Christophe Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu permess jirreġistra titoli trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra bonds sovrani skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 284
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu permess jirreġistra titoli trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra	***imħassar***

bonds sovrani skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 285
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu permess jirreġistra titoli trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra bonds sovrani skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' bonds sovrani fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim pilota.

Emenda 286
Gunnar Beck, Maximilian Krah

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu permess jirreġistra titoli	2. Ditta tal-investiment***, emittent tal-kriptoassi,*** jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ma għandux jammetti għan-negozjar ta' bonds sovrani skont dan ir-Regolament. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT, jew ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li għandu

trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra bonds sovrani skont dan ir-Regolament.	permess jirreġistra titoli trasferibbli tad-DLT f'MTF tad-DLT, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ma għandux jirreġistra bonds sovrani skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 287
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn*** EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ***ma għandux ikun aktar minn*** EUR 2,5 biljun.	3. ***CSD li jopera sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT jista' jammetti titoli ġodda sakemm*** il-valur totali tas-suq ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***jilħaq*** EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, ***hija tista' tammetti titoli ġodda sakemm*** il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ***jilħaq*** EUR 2,5 biljun.

Or. en

Emenda 288
Gunnar Beck, Maximilian Krah

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT	3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT

tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.	tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment***, l-emittent tal-kriptoassi,*** jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.

Or. en

Emenda 289
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2,5*** biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2,5*** biljun.	3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***7,5*** biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***7,5*** biljun.

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Għalkemm aħna nappoġġjaw il-limiti proposti mill-Kummissjoni, nemmnu li l-limitu ta' 2.5 biljun tal-valur totali tas-suq huwa baxx meta wieħed iqis li jista' jintlaħaq, pereżempju, bil-ħruġ ta' 5 bonds*500 m. F'dan il-kuntest u sabiex il-parteċipanti akbar fis-suq li għandhom il-kapital meħtieġ ikunu jistgħu jittestjaw aktar proġetti, qed nipproponu li l-valur totali tas-suq jiżdied għal 7.5 biljun.*

Emenda 290
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***f'CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat ***mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.	3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati ***f'entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat ***minn entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR 2,5 biljun.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota.

Emenda 291
Eero Heinäluoma, Paul Tang, Pedro Marques

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2,5*** biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2,5*** biljun.	3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2*** biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2*** biljun.

Or. en

Emenda 292
Chris MacManus
Marisa Matias f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2,5*** biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***2,5*** biljun.	3. Il-valur tas-suq totali ta' titoli trasferibbli tad-DLT irreġistrati f'CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***1,5*** biljun. Meta MTF tad-DLT tirreġistra t-titoli trasferibbli tad-DLT minflok CSD, skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4, il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT, irreġistrat mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ma għandux ikun aktar minn EUR ***1,5*** biljun.

Or. en

Emenda 293
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Permezz ta' deroga, il-bonds korporattivi maħruġa minn emittenti li l-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom ma kinitx taqbeż EUR 1 biljun fiż-żmien tal-ħruġ tagħhom għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-limitu stabbilit fil-paragrafi (1)(b) u (3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Flessibbiltà addizzjonali biex jiġi promoss il-finanzjament tal-SMEs permezz tar-reġim pilota,

f'konformità mal-limitu minimu fuq ir-riċerka tal-SMEs bħala parti mill-pakkett għall-irkupru tas-swieq kapitali.

Emenda 294
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iddeterminat kuljum, jew ***mis-CSD jew mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq ikkonċernat***; kif ukoll	(a) iddeterminat kuljum, jew ***mill-entità kkonċernata***; kif ukoll

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 295
Gunnar Beck, Maximilian Krah

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iddeterminat kuljum, jew mis-CSD jew mid-ditta tal-investiment jew mill-operatur tas-suq ikkonċernat; kif ukoll	(a) iddeterminat kuljum, jew mis-CSD jew mid-ditta tal-investiment, ***mill-emittent tal-kriptoassi,*** jew mill-operatur tas-suq ikkonċernat; kif ukoll

Or. en

Emenda 296
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1, ikun laħaq EUR ***2,25*** biljun, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ikkonċernata, jew is-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT kkonċernata, għandu jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(6). Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom, fir-rapport tagħhom ta' kull xahar u dwar il-medda ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.	Meta l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1, ikun laħaq EUR ***3,5*** biljun, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ikkonċernata, jew is-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT kkonċernata, għandu jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(6). Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom, fir-rapport tagħhom ta' kull xahar u dwar il-medda ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 297
Chris MacManus
Marisa Matias f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1, ikun laħaq EUR ***2,25*** biljun, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ikkonċernata, jew is-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT kkonċernata, għandu jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(6). Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom, fir-rapport tagħhom ta' kull xahar u dwar il-medda ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.	Meta l-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1, ikun laħaq EUR ***1,25*** biljun, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT ikkonċernata, jew is-CSD li jħaddem is-sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT kkonċernata, għandu jattiva l-istrateġija ta' tranżizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(6). Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-attivazzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom, fir-rapport tagħhom ta' kull xahar u dwar il-medda ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 298
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti kkonċernata tista' tippermetti li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata tkompli topera sakemm il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1 jilħaq EUR 2,75 biljun, sakemm din il-libertà tintalab mill-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata u tkun oġġettivament meħtieġa għall-implimentazzjoni ordnata tal-istrateġija ta' tranżizzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 299
Chris MacManus
Marisa Matias f'isem il-Grupp tax-Xellug

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti kkonċernata tista' tippermetti li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata tkompli topera sakemm il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1 jilħaq EUR ***2,75*** biljun, sakemm din il-libertà tintalab mill-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata u tkun oġġettivament meħtieġa għall-implimentazzjoni ordnata tal-istrateġija ta' tranżizzjoni.	L-awtorità kompetenti kkonċernata tista' tippermetti li l-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata tkompli topera sakemm il-valur tas-suq totali tat-titoli trasferibbli tad-DLT irrapportati skont il-paragrafu 1 jilħaq EUR ***1,75*** biljun, sakemm din il-libertà tintalab mill-operatur tal-infrastruttura tas-suq tad-DLT ikkonċernata u tkun oġġettivament meħtieġa għall-implimentazzjoni ordnata tal-istrateġija ta' tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 300
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. MTF tad-DLT għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600, ***għajr*** jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:	1. MTF tad-DLT għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE***, ħlief fir-rigward ta' eżenzjoni mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1a (ġdid),*** u r-Regolament (UE) Nru 2014/600, ***u barra minn hekk*** jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiċċara li r-rekwiżiti kollha japplikaw b'possibbiltà ta' deroga mill-MiFID kif imsemmi fil-paragrafu li ġej.

Emenda 301
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. MTF tad-DLT għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE ***u r-Regolament*** (UE) Nru 2014/600***,*** għajr jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:	1. MTF tad-DLT għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE***, ir-Regolament*** (UE) Nru 2014/2014/600 ***u kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji*** għajr jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:

Or. en

Emenda 302
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. MTF tad-DLT ***għandha tkun soġġetta*** għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600, għajr jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:	1. MTF tad-DLT ***u l-operatur tagħha għandhom ikunu soġġetti*** għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600, għajr jekk id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċerti rekwiżiti huma applikabbli għall-operatur tal-infrastruttura tas-suq

Emenda 303
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. MTF tad-DLT għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600, għajr jekk ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT:	1. MTF tad-DLT għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600, għajr jekk ***l-entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 304
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun talab eżenzjoni kif speċifikat fil-paragrafu 2 jew skont id-Direttiva (UE) .../.. [53]u jkun ingħata din l-eżenzjoni mill-awtorità kompetenti li tat il-permess speċifiku skont l-Artikolu 7; kif ukoll	***imħassar***

[53] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, EU/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u EU/2016/2341 - COM(2020)596 - - COM(2020)596

Or. en

Emenda 305
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fuq talba tagħha, l-ESMA tista' teżenta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT mill-applikazzjoni tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID) u jista' jkun awtorizzat, skont ir-regoli li jirregolaw l-aċċess imsemmi fl-Artikolu 18(3) tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID) u għal massimu ta' erba' snin, jammetti persuni fiżiċi fl-MTF tad-DLT bħala membri jew parteċipanti, dment li dawk il-persuni jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkunu kompetenti u idonei;

(b) ikollhom livell suffiċjenti ta' kapaċità, kompetenza u esperjenza fin-negozjar, inkluż għarfien dwar in-negozjar u l-funzjonament tad-DLT; kif ukoll

(c) taw il-kunsens informat biex jiġu inklużi fir-reġim pilota u huma informati b'mod adegwat dwar in-natura sperimentali tiegħu u r-riskji potenzjali assoċjati miegħu.

Meta l-ESMA tagħti l-eżenzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, hija tista' timponi miżuri addizzjonali ta' protezzjoni għall-investitur għall-protezzjoni ta' persuni fiżiċi ammessi bħala membri tal-MTF tad-DLT jew il-parteċipanti fiha. Dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati mal-profil tar-riskju tal-parteċipanti jew tal-membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjoni mill-MiFID tiddaħħal f'dan ir-Regolament, minflok permezz ta' emenda ad hoc għall-MiFID.

Emenda 306
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:
	(a) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-idoneità u tal-proprjetà ta' persuni fiżiċi għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-abbiltà, tal-kompetenza u tal-esperjenza meħtieġa skont l-Artikolu 4(1a) u l-Artikolu 5(4);

(c) il-miżuri ta' protezzjoni tal-investituri msemmija fl-Artikolu 4(1).

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien ... [sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 307
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba tagħhom, ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li ***jħaddmu*** MTF tad-DLT ***jistgħu jitħallew jammettu*** għan-negozjar titoli trasferibbli tad-DLT li mhumiex irreġistrati f'CSD skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 909/2014 iżda li minflok huma rreġistrati ***fir-reġistru distribwit tal-MTF*** tad-DLT.	2. Fuq talba tagħhom, ***entità*** li ***tħaddem*** MTF tad-DLT ***tista' titħalla tammetti*** għan-negozjar titoli trasferibbli tad-DLT li mhumiex irreġistrati f'CSD skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 909/2014 iżda li minflok huma rreġistrati tad-DLT ***użata mill-MTF tad-DLT***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda u n-newtralità teknoloġika fir-rigward tad-DLTs proprjetarji u pubbliċi.

Emenda 308
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddmu MTF tad-DLT jistgħu jitħallew jammettu għan-negozjar titoli trasferibbli tad-DLT li mhumiex irreġistrati f'CSD skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 909/2014 iżda li minflok huma rreġistrati fir-reġistru distribwit ***tal-MTF tad-DLT***.	2. Fuq talba tagħhom, ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddmu MTF tad-DLT jistgħu jitħallew jammettu għan-negozjar titoli trasferibbli tad-DLT li mhumiex irreġistrati f'CSD skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 909/2014 iżda li minflok huma rreġistrati fir-reġistru distribwit ***użat mill-MTF tad-DLT***.

Or. en

Emenda 309
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li ***jitlob*** eżenzjoni skont il-paragrafu 1 ***għandu jipproponi*** miżuri ta' kumpens biex ***jilħaq*** l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u ***jiżgura*** tal-anqas:	***Entità*** li ***titlob*** eżenzjoni skont il-paragrafu 1 ***għandha tipproponi*** miżuri ta' kumpens biex ***tilħaq*** l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tintalab eżenzjoni, u ***tiżgura*** tal-anqas:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 310
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li l-MTF tad-DLT iżżomm rekords li jippermettu ***lid-ditta tal-investiment jew lill-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT, mingħajr dewmien fi kwalunkwe ħin partikolari, biex ***jissegrega*** t-titoli trasferibbli tad-DLT ta' membru, parteċipant, emittent jew klijent minn dawk ta' kwalunkwe membru, parteċipant, emittent jew klijent ieħor.	(c) li l-MTF tad-DLT iżżomm rekords li ***entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT, mingħajr dewmien fi kwalunkwe ħin partikolari, biex ***tissegrega*** t-titoli trasferibbli tad-DLT ta' membru, parteċipant, emittent jew klijent minn dawk ta' kwalunkwe membru, parteċipant, emittent jew klijent ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 311
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) li l-operazzjonijiet tal-MTF tad-DLT ma jaffettwawx l-operazzjonijiet u r-robustezza ta' kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-operatur tal-MTF tad-DLT, pereżempju, fejn entità waħda jew aktar jipparteċipaw kemm f'MTF tad-DLT regolari kif ukoll waħda operata mill-istess operatur. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-operatur tal-MTF tad-DLT għandu jispjega b'mod ċar ir-riskji ta' insolvenza u finalità ta' saldu li għalihom huma esposti l-parteċipanti tiegħu, kif ukoll kwalunkwe miżura li ġiet stabbilita sabiex jiġu mmitigati dawn ir-riskji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jiġi inkorporat t-tieni kumment tal-punt 3.4 tal-"Opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT" tat-28 ta' April sabiex tiġi prevista "delimitazzjoni" ta' MTFs tad-DLT f'każ li l-operatur tagħhom iħaddem ukoll MTF(s) oħra.

Emenda 312
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma tkun saret l-ebda talba għal eżenzjoni mill-MTF tad-DLT skont l-ewwel subparagrafu, it-titoli trasferibbli tad-DLT għandhom jew jiġu rreġistrati f'forma dematerjalizzata f'CSD jew ***fit-teknoloġija ta' reġistru*** distribwit ***ta'*** CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.	Meta ma tkun saret l-ebda talba għal eżenzjoni mill-MTF tad-DLT skont l-ewwel subparagrafu, it-titoli trasferibbli tad-DLT għandhom jew jiġu rreġistrati f'forma dematerjalizzata f'CSD jew ***f'reġistru*** distribwit ***użat minn*** CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT.

Or. en

Emenda 313
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma tkun saret l-ebda talba għal eżenzjoni ***mill-MTF*** tad-DLT skont l-ewwel subparagrafu, it-titoli trasferibbli tad-DLT għandhom jew jiġu rreġistrati f'forma dematerjalizzata f'CSD jew fit-teknoloġija ta' reġistru distribwit ta' CSD li jħaddem ***sistema ta' saldu tat-titoli*** tad-DLT.	Meta ma tkun saret l-ebda talba għal eżenzjoni ***operatur tal-MTF*** tad-DLT skont l-ewwel subparagrafu, it-titoli trasferibbli tad-DLT għandhom jew jiġu rreġistrati f'forma dematerjalizzata f'CSD jew fit-teknoloġija ta' reġistru distribwit ta' CSD li jħaddem ***SSS*** tad-DLT.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-talba għal eżenzjoni ssir mill-operatur tal-MTF tad-DLT fl-ewwel subparagrafu (u mhux l-MTF tad-DLT).

Emenda 314
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ikun talab ***eżenzjoni*** skont il-paragrafu 2, dan għandu jiżgura, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti li, l-MTF tad-DLT:	3. Meta ditta tal-investiment jew operatur tas-suq li jħaddem MTF tad-DLT ikun talab ***permess*** skont il-paragrafu 2, dan ***għandu jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti kollha applikabbli għal CSD li jħaddem DLT skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 b'mod proporzjonat għan-natura, l-iskala u*** għandu jiżgura, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti li, l-MTF tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat allinjament xieraq mas-salvagwardji applikati għas-servizzi tas-CSD fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u jinżammu kundizzjonijiet ekwi fost l-infrastrutturi differenti tas-suq tad-DLT. Ara wkoll l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 315
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** MTF tad-DLT ***ikun talab*** eżenzjoni skont il-paragrafu 2, ***dan għandu jiżgura***, permezz ta' proċeduri	3. Meta ***entità*** li ***tħaddem*** MTF tad-DLT ***tkun talbet*** eżenzjoni skont il-paragrafu 2, ***din għandha tiżgura***, permezz ta' proċeduri u arranġamenti robusti li, l-

u arranġamenti robusti li, l-MTF tad-DLT: MTF tad-DLT:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 316
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***l-MTF*** tad-DLT, ikun daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;	(a) tiżgura***, f'konformità mal-Artikolu 37(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014,*** li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem ***it-TSS*** tad-DLT, ikun daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment magħmul fl-opinjoni tal-BĊE. It-tħassib dwar kundizzjonijiet mhux ekwi li tqajjem mill-BĊE bejn MTF tad-DLT li tipprovdi servizzi ewlenin tas-CSD u SSS tad-DLT huwa indirizzat bl-introduzzjoni tal-kunċett tal-SSS tad-DLT. Madankollu huwa rilevanti li f'dan l-artikolu jiġi ċċarat aktar li r-rekwiżiti dwar il-forniment ta' servizzi ewlenin tas-CSD minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandhom jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 317
Jones Fernandez, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT, ikun daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;	(a) tiżgura***, f'konformità mal-Artikolu 37(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014,*** li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT, ikun daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 318
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa ***mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT, ***ikun*** daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;	(a) tiżgura li l-għadd ta' titoli trasferibbli tad-DLT f'ħarġa jew f'parti minn ħarġa ammessa ***entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT, ***tkun*** daqs is-somma ta' titoli trasferibbli tad-DLT li jkunu jiffurmaw din il-ħarġa jew parti minn ħarġa, irreġistrata fid-DLT, fi kwalunkwe ħin partikolari;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 319
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tipprovdi informazzjoni ċara, preċiża u f'waqtha fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-finalità tas-saldu, billi tiddefinixxi l-mument li minnu l-ordnijiet ta' trasferiment jew istruzzjonijiet oħra identifikati minn qabel ma jistgħux jiġu revokati minn membru, parteċipant, emittent jew klijent;	(d) tipprovdi***, skont l-Artikolu 39(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014,*** informazzjoni ċara, preċiża u f'waqtha fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-finalità tas-saldu, billi tiddefinixxi l-mument li minnu l-ordnijiet ta' trasferiment jew istruzzjonijiet oħra identifikati minn qabel ma jistgħux jiġu revokati minn membru, parteċipant, emittent jew klijent;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment magħmul fl-opinjoni tal-BĊE. It-tħassib dwar kundizzjonijiet mhux ekwi li tqajjem mill-BĊE bejn MTF tad-DLT li tipprovdi servizzi ewlenin tas-CSD u SSS tad-DLT huwa indirizzat bl-introduzzjoni tal-kunċett tal-SSS tad-DLT. Madankollu huwa rilevanti li f'dan l-artikolu jiġi ċċarat aktar li r-rekwiżiti dwar il-forniment ta' servizzi ewlenin tas-CSD minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandhom jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 320
Jones Fernandez, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tipprovdi informazzjoni ċara, preċiża u f'waqtha fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-finalità tas-saldu, billi tiddefinixxi l-mument li minnu l-ordnijiet ta' trasferiment jew istruzzjonijiet oħra identifikati minn qabel ma jistgħux jiġu revokati minn membru, parteċipant, emittent jew klijent;	(d) tipprovdi***, f'konformità mal-Artikolu 39(5) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014,*** informazzjoni ċara, preċiża u f'waqtha fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-finalità tas-saldu, billi tiddefinixxi l-mument li minnu l-ordnijiet ta' trasferiment jew istruzzjonijiet oħra identifikati minn qabel ma jistgħux jiġu revokati minn membru, parteċipant, emittent jew klijent;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 321
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tipprovdi informazzjoni ċara, preċiża u f'waqtha fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-finalità tas-saldu, billi tiddefinixxi l-mument li minnu l-ordnijiet ta' trasferiment jew istruzzjonijiet oħra identifikati minn qabel ma jistgħux jiġu revokati minn membru, parteċipant, emittent jew klijent;	(d) tipprovdi informazzjoni ċara, preċiża u f'waqtha fir-rigward tas-saldu ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-finalità tas-saldu, billi tiddefinixxi l-mument li minnu l-ordnijiet ta' trasferiment jew istruzzjonijiet oħra identifikati minn qabel ma jistgħux jiġu revokati minn membru, parteċipant, emittent jew klijent***, f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014***;

Or. en

Emenda 322
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-saldu ***tal-ħlasijiet*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.	Is-saldu ***tal-komponent ta' pagament*** jista' jsir permezz ta' flus tal-bank ċentrali meta jkun prattikabbli u disponibbli, jew meta ma jkunx prattikabbli u disponibbli, permezz ta' flus tal-banek kummerċjali, inklużi flus tal-banek kummerċjali f'forma bbażata fuq it-tokens, jew f'tokens tal-flus elettroniċi.

Or. en

Emenda 323
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus; kif ukoll	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus***. Meta s-saldu jseħħ permezz ta' tokens tal-flus elettroniċi għall-komponent ta' pagament, il-parteċipanti f'MTF tad-DLT jistgħu jiftħu kontijiet direttament mal-MTF tad-DLT għall-finijiet tas-saldu tal-komponent ta' pagament f'tokens tal-flus elettroniċi, jew inkella l-MTF tad-DLT u l-parteċipanti tagħha jistgħu jiftħu kont ma' parti terza li tipprovdi servizzi relatati ma' tokens tal-flus elettroniċi. F'dawk il-każijiet, l-MTF tad-DLT jew il-parti terza għandha tkun l-emittent ta' tokens tal-flus elettroniċi u għandha tiżgura li s-saldu tal-komponent ta' pagament isir f'tokens tal-flus elettroniċi. Billi t-tokens tal-flus elettroniċi jistgħu jinħarġu biss jew minn istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi skont ir-Regolament Nru 2021/XX dwar Swieq tal-Kriptoassi, l-eżenzjoni pprovduta f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-provvedimenti dwar is-saldu ta' flus kontanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR) ma għandhiex teżenta MTF tad-DLT, jew parti terza li toħroġ tokens tal-flus elettroniċi u li tħallas il-komponent ta' pagament tat-tranżazzjonijiet tat-titoli permezz tal-kontijiet tagħha stess, mir-rekwiżiti tal-liċenzjar skont ir-Regolament Nru 2021/XX dwar is-Swieq tal-**

Kriptoassi; kif ukoll

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kumment editorjali. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiġi inkorporat il-punt 3.3.7 tal-Opinjoni tal-BĊE dwar ir-reġim pilota tad-DLT tat-28 ta' April fir-rigward tas-saldu fl-EMTs.

Emenda 324
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***id-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** l-MTF tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus; kif ukoll	Meta s-saldu jsir permezz ta' flus tal-banek kummerċjali jew ta' tokens tal-flus elettroniċi, ***entità*** li ***tħaddem*** l-MTF tad-DLT għandu jidentifika, ikejjel, jimmonitorja, jimmaniġġja, u jimminimizza kwalunkwe riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-użu ta' dawn il-flus; kif ukoll

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 325
Sven Giegold
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jew jipprevjeni jew, jekk ma jkunx possibbli, jindirizza l-fallimenti tas-saldu.	(g) jew jipprevjeni jew, jekk ma jkunx possibbli, jindirizza fallimenti tas-saldu***, f'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tar-***

Regolament (UE) Nru 909/2014 u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229, mutatis mutandis.

Or. en

Emenda 326
Jones Fernandez, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jew jipprevjeni jew, jekk ma jkunx possibbli, jindirizza l-fallimenti tas-saldu.	(g) jew jipprevjeni jew, jekk ma jkunx possibbli, jindirizza l-fallimenti tas-saldu***, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229[1a]***.
	[1a] ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni tal-BĊE.

Emenda 327
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jew jipprevjeni jew, jekk ma jkunx	(g) jew jipprevjeni jew, jekk ma jkunx possibbli, jindirizza l-fallimenti tas-saldu**,**

possibbli, jindirizza l-fallimenti tas-saldu.

f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229*.

---

* ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqis suġġeriment magħmul fl-opinjoni tal-BĊE. It-tħassib dwar kundizzjonijiet mhux ekwi li tqajjem mill-BĊE bejn MTF tad-DLT li tipprovdi servizzi ewlenin tas-CSD u SSS tad-DLT huwa indirizzat bl-introduzzjoni tal-kunċett tal-SSS tad-DLT. Madankollu huwa rilevanti li f'dan l-artikolu jiġi ċċarat aktar li r-rekwiżiti dwar il-forniment ta' servizzi ewlenin tas-CSD minn operatur ta' infrastruttura tas-suq tad-DLT għandhom jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

Emenda 328
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta ***ditta tal-investiment jew operatur tas-suq*** li ***jħaddem*** MTF tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafu 2 jew skont id-Direttiva (UE) .../..[54], dan għandu fi kwalunkwe każ juri li l-eżenzjoni mitluba hija:	4. Meta ***entità*** li ***tħaddem*** MTF tad-DLT jitlob eżenzjoni skont il-paragrafu 2 jew skont id-Direttiva (UE) .../..[54], dan għandu fi kwalunkwe każ juri li l-eżenzjoni mitluba hija:
[54] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, UE/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u UE/2016/2341 - COM(2020)596.	[54] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2009/65/KE, 2009/138/UE, 2011/61/UE, UE/2013/36, 2014/65/UE, (UE) 2015/2366 u UE/2016/2341 - COM(2020)596.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 329
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) limitata għall-MTF tad-DLT u ma testendi għall-ebda MTF oħra mħaddma ***mid-ditta tal-investiment jew l-operatur tas-suq imsemmi***.	(b) limitata għall-MTF tad-DLT u ma testendi għall-ebda MTF oħra mħaddma ***mill-entità msemmija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ftuħ tar-reġim pilota għal parteċipanti ġodda.

Emenda 330
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Entità li ma tkunx soġġetta għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600 fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħha għal permess speċifiku għandha titħalla tapplika f'konformità mal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċeduri speċifiċi għal entitajiet li mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti kollha applikabbli għal MTF skont id-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 2014/600 fiż-

żmien tal-applikazzjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Proċedura rapida għal entitajiet mhux regolati bħala MTF fiż-żmien tal-applikazzjoni.

Emenda 331
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti applikabbli għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, għajr jekk dan is-CSD:	1. CSD li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti applikabbli għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 ***u kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji***, għajr jekk dan is-CSD:

Or. en

Emenda 332
Stéphanie Yon-Courtin, Ondřej Kovařík, Gilles Boyer, Olivier Chastel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***CSD*** li ***jħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti applikabbli għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, għajr jekk ***dan is-CSD***:	1. ***Entità*** li ***tħaddem*** sistema ta' saldu tat-titoli tad-DLT għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti applikabbli għal CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014, għajr jekk ***din l-entità***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ftuħ tar-reġim pilota

Emenda 333
Christophe Hansen, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens addizzjonali li l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.	(c) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens addizzjonali li l-awtorità kompetenti ***jew l-ESMA wara konsultazzjoni mal-awtorità nazzjonali kompetenti,*** li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.

Or. en

Emenda 334
Eva Kaili

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens addizzjonali li l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.	(c) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma' kwalunkwe miżura ta' kumpens ***jew miżura korrettiva*** addizzjonali li ***l-ESMA jew*** l-awtorità kompetenti li tkun tat il-permess speċifiku tista' tqis xierqa sabiex jintlaħqu l-objettivi segwiti mid-dispożizzjonijiet li minnhom tkun intalbet eżenzjoni jew biex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u/jew l-istabbiltà finanzjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA għandha tissemma fil-kuntest tar-rwol imsaħħaħ propost.